# LUMINARIA

Diċembru '21 nru. 136



# Il-Mixegħla tal-Qaddisin





# LUMINARIA - Werrej


Messaġġ mill-Arċipriet ... 2
Kronaka tal-Parroċċa ... 3
Paġna M.U.S.E.U.M. Subien ... 10
Paġna M.U.S.E.U.M. Bniet ... 12
Mill-Ħajja taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ... 14
Nadur Youngsters - Staġun Ġdid ... 16
Is-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma matul is-sena 2020 ... 19
Apprezzament - Il-Kanonku Dun Piet Sammut ... 20
Restawr tas-Saqaf tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur ... 21
Laqgħa: Talb Dun Mikiel Attard ... 24
Tagħlaq is-Sena ta' San Ġużepp ... 25
Is-Sinodu tal-Isqfijiet ... 26
Riflessjoni fuq il-Milied ... 28
Riflessjonijiet Fuq Il-Parrokat Ta' Dun Martin Camilleri ... 29
Mixja fil-Pjan Pastorali "X'intom tgħidu?" 2021-2022 ... 30
Ġanni tas-Sanità ... 32
Memorja Kollettiva – Parti IV - Il-Miraklu ... 34
L-Għarqa Tal-S.S. Ashbury ... 35
Xi logħob ta' dari tat-tfal u x-xjenza ta' warajh ... 38
Suċċess għal Intrapriża Agrikola Familjari min-Nadur ... 40
Xita fin-Nadur ... 43



BORD EDITORJALI

Ħarġa numru 136 Diċembru 2021 • Is-sitta u Tletin Sena

- Waqt l-aħħar laqgħa tal-Bord Editorjali ġie deċiż li din il-pubblikazzjoni tibda toħroġ darbtejn f'sena - waħda fl-aħħar ta' Ġunju u l-oħra fl-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena.
- Rivista maħruġa mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur, li f'ċirkostanzi normali toħroġ tliet darbiet f'sena
- Ippubblikata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Miriam Muscat (Editur), Joseph Muscat, Mary Anne Pace, Maria CamilleriQari tal-Provi: Miriam Muscat, Mary Grace Mercieca, Noemi Portelli, Mary Attard
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat, Maria Attard, Noemi Portelli, Mary Grace Mercieca
- Ritratti ta: Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca photography
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur NDR 1033, Għawdex. Tel: **2155 1649**
- Disinn u *layout* ta' Maria Camilleri
- Stampata bl-*Offset*, "Portelli Print" Nadur. Tel: 2155 8232
- **www.nadurparish.com**


Ritratt tal-Qoxra: Xbieha ta' San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali. Ritratt meħud minn Martin Attard

# MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET
## MONS. JIMMY XERRI

Kemm-il Bambin għandek *fil-Presepju?*



Tidher mistoqsija bla sens? Imma ara daqsxejn fil-presepju li San Franġisk kien għamel fi Greccio, jgħidu li ma għamilx Bambin. Għax kif jgħidu li qal, ma riedx jagħmel "spectaculum", jiġifieri sempliċi show imma ried jgħix il-mument tal-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Mela Franġisku ma għamilx Bambin, biex ma jinsiex lill-Bambin ħaj tal-Ewkaristija.

U aħna kemm-il Bambin se jkollna fil-presepju tagħna? Qiegħed nikteb dan il-messaġġ proprju fil-jum li rajt programm fuq il-ġuħ ġewwa l-Afghanistan. Filwaqt li l-ġnus tad-dinja jiddiskutu dwar jekk jirrikonoxxux it-tmexxija tat-Talibani, fil-belt ta' Herat fil-punent tal-pajjiż, ġenituri biegħu lit-tifla għal 800 dollaru, biex ma jmutux bil-ġuħ. Il-ġurnalista tal-BBC Yogita Limaye sabet każ ieħor fejn il-ġenituri biegħu tifla tagħhom għal 500 dollaru. Ir-raġel li xtara lil din it-tifla ta' sitt snin qalilhom li meta hija tikber kien se jżewwiġha lit-tifel tiegħu.

Kieku jiġi Ġesù jagħti postu lill-"Bambini" oħrajn fil-presepju.

Ma kienx se jaħsibha darbtejn biex jagħti kenn lil dawn iż-żewġt itfal mibjugħin mill-ġenituri għax ma ridux li l-familja kollha tmut bil-ġuħ.

Meta nagħmlu l-presepju nkunu qisna qed nieħdu fotografija ta' Alla li jħobbna. Il-bambin tradizzjonali tal-ġibs nagħmluh biex niftakru kif Alla għoġbu jiġi fid-dinja. Il-bambin ifakkarna li Alla sar bniedem għalina, biex ta' bnedmin li aħna nifhmu ftit iktar x'imħabba għandu Alla għalina.

Kemm-il bambin se ndaħħlu fil-grotta ta' Betlehem? L-ewwel nett jidħol Hu, Ġesù. San Ġilormu, dak li qaleb il-Bibbja għal-Latin, mar jgħix ġewwa Betlehem. Kien jemozzjona ruħu jiftakar li hemmhekk twieled Ġesù. Darba minnhom kiteb hekk, "Aħna hawnhekk f'Betlehem nisimgħu t-tarbija li tibki fil-maxtura, u x-xewqa tagħna hija li nsemmgħu l-leħen tiegħu lil kulħadd".

Illum Ġesù jixtieq ikompli jsemma leħnu mill-maxtura. Anzi jrid li miegħu fl-għar indaħħlu "bambini" oħrajn.

Fl-għar Ġesù jrid lil dawk it-tfal li ġejjin fostna, maħrubin minn sitwazzjonijiet ta' faqar u gwerra.

Fl-għar Ġesù jrid jagħti kenn lil dawk it-tfal li l-ġenituri tagħhom jiġġieldu fuq min se jrabbihom.

Ġesù jrid li fl-għar jidħlu dawk it-tfal li jgħixu f'tined f'kampijiet tar-rifuġjati.

Ġesù jrid li fl-għar fejnu jidħlu dawk it-tfal li qed imutu bil-ġuħ minħabba gwerer by proxy li l-pajjiżi l-kbar jiġġieldu fil-pajjiżi foqra.

Ġesù jrid li fil-presepju jidħlu t-tfal kollha tad-dinja li ġew abortiti minn dawk li rawhom biss bħala xkiel u skart.

*L-Arċipriet*

**L-Iben t'Alla sar bniedem.**
**Biex juri li l-ħajja ta' kull "bambin" hija prezzjuża.**

Mary Ann Pace

# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

## ĠUNJU- NOVEMBRU 2021

## Ġunju

### *Griżma tal-Isqof*



Nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju kien jum il-Ġriżma tal-Isqof fir-raħal tagħna. Kien hemm b'kollox 47 adolexxenti li rċevew dan is-sagrament ferm importanti, 20 subien u 27 bniet. Iċ-ċerimonji saru mill-Isqof Anton Tewma u ġew mqassma f'żewġ quddisiet separati waħda fil-5.00pm u l-oħra fis-7.00pm sabiex jiġu osservati l-miżuri tas-saħħa minħabba il-pandemija tal-Covid 19.

### *Funeral ta' Dun Ġużepp Rapa*

Nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju tħabbret il-mewt ta' Dun Ġużepp Rapa li serva bħala qassis fin-Nadur għal 59 sena. Il-funeral tiegħu sar nhar l-Erbgħa id-9 ta' Ġunju u l-quddiesa kienet immexxija mill Isqof Anton Teuma. Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



### *Abbatini Ġodda*

Il-Ħadd 20 ta' Ġunju fil-quddiesa tal-9.45 am saret il-vestizzjoni ta' 6 abbatini ġodda mir-raħal tagħna. Il-quddiesa kienet immexxija minn Mons Reuben

Micallef u żgur li din kienet okkażjoni ta' ferħ għal dawn it-tfal li huma Luke Aquilina, Craig Borg, Gerrard Camilleri, Stephen Sultana, Mikiel Theuma u Ġanni Theuma.



### *Novena u Festa 18-29 ta' Ġunju 2021*

Din is-sena l-festa kienet kemxejn differenti minn tas-soltu peress li l-purċissjoni ma saritx iżda minkejja dan il-festi ta' ġewwa saru xorta waħda. Fit-18 ta' Ġunju sar il-ftuħ tal-festi tas-sena 2021 b'Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Ġużeppi Cauchi li fiha radd ħajr lil Alla għal-50 sena tas-saċerdozju. L-omelija ntisġet mill-E.T. l-Kardinal Mario Grech. Taw sehemhom ukoll l-orkestra u l-kor tal-parroċċa.



Matul in-novena kien hemm mumenti speċjali għat-tfal, għaż-żgħażagħ u għall-kbar, għall-gruppi, għall dawk li għandhom xi ministeru, għall-emigranti tagħna, għall-barranin li jgħixu fin-Nadur u għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa.

Fit-tmiem tan-novena ta' nhar it-22 ta'Ġunju li saret għal frontliners li ħadmu fil-qasam tas-saħħa, it-tabib Mario Saliba nieda l-ktieb 'Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex fi żmien l-Arċipriet Martin Camilleri 1910-1921'. Dan il-ktieb huwa frott ta' 3 snin riċerka u fost l-oħrajn jagħti tagħrif dwar il-ħajja soċjali fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-ħidmiet ta' Dun Martin u jixħet dawl fuq kif laqtet lir-raħal tagħna l-pandemija tal-influwenza Spanjola f'dak il-perjodu.



Wara il-quddiesa tan-novena tal-24 ta' Ġunju saret preżentazzjoni ta' ktieb ieħor 'Dun Martin: Ħajtu u Ħidmietu', ippubblikat minn Daniel Meilak, dwar l-Arċipriet Martin Camilleri li din is-sena qed infakkru l-mitt sena minn mewtu. Dan il-ktieb jiffoka fuq il-persuna ta' Dun Martin Camilleri u kif ikkontribwixxa fil-ħajja pastorali, soċjali u artistika fin-Nadur.



Nhar il-25 ta' Ġunju l-ewwel Jum tat-Tridu, il-Konċelebrazzjoni Solenni tmexxiet mill-kappillan ta' Kerċem il-Kanonku Onorarju Dun Brian Meilak, li hu min-Nadur, u fiha radd ħajr lil Alla għal 25 sena saċerdozju. Filwaqt li fit-tielet Jum tat-Tridu nhar is-27 ta' Ġunju, il-Kan Teologu Dun Ġużepp Grech iċċelebra s-60 sena saċerdozju tiegħu. F'dan il jum tfakkar ukoll l-anniversarju tal-għoti tal Bażilka.





F'Jum il-festa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali tmexxiet mill-E.T. Mons Anton Tewma Isqof t'Għawdex bis-sehem tal-kapitlu tal-Kolleġġjata u l-kleru tan-Nadur. Wara t-tħabbira tal-evanġelju l-Isqof qasam magħna l-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tal-festa. Filgħaxija Mons. Arċipriet Jimmy Xerri mexxa l-għasar solenni kantat flimkien mal-kapitlu tal-kolleġġjata, ndaqqet l-antifona u ngħatat l-Barka Sagramentali. Peress li din is-sena ma kienx permess li ssir purċissjoni bil-vara, minflok ittella' programm mużikali fil-knisja li fih ġiet esegwita mużika sinonima mal-parroċċa fosthom siltiet mid-dramm 'Ir-Rebħa ta' San Pietru u San Pawl' kliem tal-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi u mużika tal-Mro Mons. Martin Portelli. Bħala għeluq tal-festi wara il-kunċet sar programm ta' logħob tan-nar tal-ajru mtella' mill-Għaqda tan-Nar tan-Nadur.



### *Festa tal-Qalb ta' Ġesù*

Bejn it-18 u l-20 ta' Ġunju fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù saru 3 ijiem ta' adorazzjoni solenni f'ġieħ il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Din is-sena l-purċissjoni bis-sagrament ma saritx minħabba ir-restrizzjonijiet dovuti għall-pandemija Covid 19.



## Lulju

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju fil-kappella tas-sorijiet Franġiskani saret il-festa tal-Madonna tal-Karmnu f'jum is-solennità tagħha. Fil-5.30 pm ġie reċitat ir-ružarju, nqrat il-kurunella u ngħatat il-Barka Sagramentali. Il-quddiesa tmexxiet mill-Kan Dun Reuben Micallef u kienu mistiedna speċjalment il-membri tal-grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù u d-devoti kollha tal-Madonna tal-Karmnu.

## Awwissu

Nhar it-Tnejn 16 u t-Tlieta 17 ta' Awwissu grupp ta' 22 tifel u tifla nġabru fis-sala parrokkjali u għamlu dinja kbira bil-kolla u l-karti. Dan il-globu se jinżebagħ u jintuża fin-novena tal-Milied. It-tfal li ħadmu fuq dan il-proġett kienu: Valentina Spiteri, Max Mallia, Cristiano Buttigieg, Ella Buttigieg, Marie Emeh, Charlie Emeh, Lea Attard, Julia Attard, Brandon Attard, Faith Buttigieg, Tiana Camilleri, Mason Camilleri, Katya Camilleri, Krista Camilleri, Mireille Attard, Mariah Azzopardi, Gabriella Vella, Luca Spiteri, Marie Galea, Gianluca Vella, Jean Paul Galea, Jasmine Vella. Id-dinja nħadmet fil-jiem li fiha aħna konna għaddejjin mill-esperjenza ta' heat wave u sitwazzjonijiet fejn f'ħafna pajjiżi kien hemm nirien kbar li qerdu djar u siġar, u saħansitra mietu n-nies.



### *Funeral ta' Kan Dun Piet Sammut*

Il-Kan. Dun Piet Sammut ingħaqad mal-Mulej nhar is-16 ta' Awwissu 2021. Il-funeral tiegħu sar nhar il-Ħamis 19 ta' Awwissu fil-knisja parrokkjali tan-Nadur. Il-Konċelebrazzjoni tal-quddiesa għal ruħu ġiet ikkonċelebrata mill–Isqof Anton Tewma. Għal dawn l-aħħar sentejn huwa kien jirresjedi fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara. Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



### *Pjan Pastorali*

Nhar it-Tnejn 23 ta' Awwissu ġie fostna l-Isqof Anton Teuma flimkien ma' Dun Daniel Sultana biex ifissrulna kif se jsir il-Pjan Pastorali Djoċesan għas-sena 2021-2022. Dan il-pjan se jibda jitwettaq minn Ottubru li ġej u jagħlaq fil-Pentekoste tas-sena 2022. Dun Daniel fisser kif fl-ewwel fażi se jsir talb speċjali fejn fost l-oħrajn jinkludi ukoll iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa għand il-morda u l-anzjani li ma joħorġux mid-dar. Waħda mill-affarijiet li hija marbuta mal-Pjan Pastorali huwa li jinġabar tagħrif fuq kull għaqda, tal-knisja u mhix, li għandna fil-parroċċa, dment li l-grupp involut ikollu xi rabta fil-ħajja tal-knisja.



### *Restawr fil-Knisja u fil-Qanpiena fiċ-Cimiterju*

Ix-xogħol ta' restawr fil-knisja minn ġewwa baqa' għaddej ġmielu. Sar xogħol kbir u meħtieġ ta' restawr fil-pasta fil-biċċa tas-saqaf fejn intrama scaffolding apposta.

Il-qanpiena li ssemmgħa l-leħen kiebi tagħha meta jasal il-ħin tad-difna ta' xi ħadd għażiż mill-komunità parrokkjali, dan l-aħħar ġiet restawrata minn Carmel Bigeni. Huwa ħa ħsieb li jagħmel ilsien ġdid minflok wieħed li ssaddad u tqaċċat. Saret virga ġdida biex magħha tiddendel il-qanpiena. Ix-xogħol tar-restawr sar fix-xahar ta' Awwissu li għadda.



## Settembru

Nhar il-Ħadd 5 ta' Settembru festa liturġika ta' Santa Madre Tereża ta Kalkutta tpoġġiet l-istatwa ta' din il-qaddisa quddiem l-artal tal-kappella taċ-ċimiterju ta' Kenuna, liema kappella hija ddedikata għal din il-qaddisa. Saret quddiesa kkonċelebrata mill-Patri Franġiskan Fr Etienne Gilson fejn kien mgħejjun mill-arċipriet u żewġ abbatini ċkejknin Faith u Eve. Wara l-quddiesa flimkien ma' dawk kollha preżenti ħadu kolazzjon ma' xulxin fil-bitħa. Żgur li din kienet okkażjoni ta' ferħ!



### *Kartolini Postali*

Fl-okkażjoni tal-għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-arċipriet il-Kan Martin Camilleri li ġrat fit-8 ta' Settembru 1921, ġew ippubblikati żewġ kartolini postali biex jitfakkar dan l-anniversarju. Dawn il-kartolini li ġew iddisinjati minn Paul Portelli jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand Dun Reuben Micallef għal prezz ta' €3.

### *Wirja*

Bejn il-11 u l-21 ta' Settembru, l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju sezzjoni Nadur, organizzat wirja – In-Nadur, Drawwiet, Arti u Kultura, f'Dar Dun Franġisk Grima fi Triq it-Tiġrija. Kien hemm diversi biċċiet tal-arti għall-wiri, flimkien ma' kollezzjonijiet u bosta oġġetti u xtieli għal-bejgħ.

### *Qanpiena Gdida*

Nhar il-Erbgħa 29 ta' Settembru fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta waslet il-qanpiena il-ġdida.

Il-qanpiena hija wiesgħa sitta u tletin ċentimetru u għandha tul ta' wieħed u erbgħin ċentimetru waqt li tiżen tletin kilo. Il-qanpiena ssemmiet 'TEREŻA' għal Santa Tereża ta' Kalkutta. Fuq quddiem tal-qanpiena hemm x-xbieha, l-isem u s-sena 1910 u 1997 ta' meta twieldet u mietet il-qaddisa. Fuq wara hemm salib bil-kelma 'PAX' (Paċi) imdawra ġo girlanda tar-rand. Taħt is-salib hemm miktub Sta. Tereża ta' Kalkutta Nadur Gozo 2021. Fuq nett tal-qanpiena hemm kuruna tal-fjuri mdawra magħha.

Il-qanpiena inħadmet fil-funderija franċiża Cornille-Harvard li hija speċjalizzata fil-fabbrikazzjoni tal-qniepen u xogħol fil-bronż. Il-funderija li tinsab f'Viliedieu-les-Poêles fin-Normandija ġiet mibnija fl-1865 imma ilha tagħmel dan it-tip ta' xogħol minn żmien il-Medju Evu.

L-ispiża totali tal-qanpiena l-ġdida tal-kappella ta' Kenuna intelgħet għal €3,864. Il-flus inġabru mingħand diversi benefatturi filwaqt li €715 ġew mill-bejgħ tal-bottijiet tal-aluminju li jinġabru fil-parti annessa mal-istess kappella. Hekk kif morna għall-istampa nġabret is-somma kollha meħtieġa biex titħallas din il-qanpiena. Mill-kampnar fejn hi qiegħda, il-qanpiena 'Tereża' sejħet għall-ewwel darba lil-komunità għall-quddiesa tal-Ħadd ta' nhar il-5 ta' Diċembru 2021.





## Ottubru



### *Ftuħ ta' Qasam Ġdid*

Nhar is-Sibt 2 ta' Ottubru kienet ġurnata storika għalina lkoll hekk kif fetaħ il-qasam il-ġdid tal-MUSEUM bniet. Din id-dar li għandha bosta għexieren ta' snin, ġiet restawrata u mgħammra bl-attrezzaturi li huma skont il-livell mitlub għal żmienna.

Fid-diskors tiegħu l-isqof Anton Tewma qal li meta wieħed jagħti l-imħabba b'xejn, wieħed iħoss il-paċi. Il-post minnu nnifsu wkoll jagħti sensazzjoni ta' paċi. Imma l-post se jagħti paċi speċjali li tiġi mix-xandir tal-Kelma. L-isqof irringrazzja wkoll lill-komunità parrokkjali li għandha għal qalbha dak li hu l-iktar importanti, jiġifieri ix-Xandir tal-Vanġelu. Mingħajr xandir il-Fidi ma tkomplix. Il-fidi kif jgħidilna San Pawl tiġi mis-smiegħ tal-Kelma.

L-isqof temm il-kelmtejn tiegħu billi qalilna li hemm bżonn li jkollna viżżjoni ċara għall-futur. Ta' min isemmi li l-ewwel dar tal-MUSEUM f'Għawdex fetħet fl-1 ta' Settembru 1915 fi Triq il-Kappillan in-Nadur minn żewġ tfajliet ħabrieka, Rakela Camilleri u Pawla Grech, meta dawn kellhom madwar 24 sena.

### *Attivitajiet marbuta mal-Pjan Pastorali*

Il-Ħadd 3 ta' Ottubru saret velja Marjana fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena u l-Pjan Pastorali fid-Djoċesi. Nhar il-Ħamis 7 ta' Ottubru ixxandar Rużarju Djoċesan. Wieħed seta' jsegwi fuq il-mezzi soċjali permezz tas-sit Mnarja Live jew fuq il-paġna ta' facebook tal-parroċċa kif ukoll fuq il paġna ta' facebook tad-Djoċesi. Ġew reċitati 15-il posta tar-Rużarju minn kull parroċċa f'Ghawdex. Mill- Bażilka ta' San Pietru u San Pawl ixxandret l-14-il posta tar-Rużarju.

### *Xogħol ta' manutenzjoni fiċ-ċimiterju*

Matul ix-xahar ta' Ottubru sar xogħol ta' manutenzjoni fuq bosta oqbra tal-komun fiċ-ċimiterju tad-Duluri (Ta' Kenuna). Tranġaw ħitan diviżorji li kienu qed iċedu. Sar xi xogħol ta' manutenzjoni fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina wkoll.

### *Ġurnata Missjunarja*



Il-Ħadd 24 ta' Ottubru kienet il-ġurnata ddedikata lill-Missjoni. Fil-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta sar stand dwar suor Lux Marie, soru min-Nadur membru tal-ordni tas-sorijiet tal-karità ta' Santa Tereża ta' Kalkutta. Suor Lux Marie tinsab taħdem fost l-ifqar fost il-fqar fil-missjoni ġewwa l-Etjopja fl-Afrika.

### *Attivitajiet għall-anzjani*

Reġgħu bdew il-laqgħat għall-anzjani, sewwa dawk li jsiru fis-sala parrokkjali, kif ukoll dawk li jsiru mill-Għaqda Dun Franġisk Grima. Fil-fatt fit- 28 ta' Ottubru il-membri ta' din l-għaqda żaru il-mitħna tax-Xewkija li ġiet rrestawrata reċentement. Mibnija fis-sena 1710 fi żmien il-Gran Mastru Raimundus de Perellos, din hija l-eqdem waħda eżistenti f'Għawdex. Għandha forma ottangolari u nbniet tħares lejn l-irjieħ ewlenin: Tramuntana, Nofsinhar, Lvant, Punent, Lbiċ, Xlokk, Grigal u Majjistral.



### *Velja ta' Talb*

Bħala parti mill-fażi tat-talb tal-Pjan Pastorali Djoċesan nhar il-Ħadd 31 ta' Ottubru saret velja ta' talb marbuta mal-festa tal-qaddisin u l-mejtin kollha wara l-quddiesa tal-5.00pm. Ħadu sehem diversi persuni attivi bħala membri f'diversi għaqdiet li hawn fin-Nadur.

## Novembru

Nhar il-Ħamis 4 ta' Novembru il-membri tal-Għaqda Dun Franġisk Grima attendew għall-quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina. Qaddes Fr. Roberto Gauci, l-artist tal-mużajk ta' Kristu Rxoxt li ta spjegazzjoni dwar il-mural ta' ġol-kappella. Wara l-quddiesa l-anzjani kellhom ħin ta' rikreazzjoni fil-bajja tar-Ramla.



## *Festa ta' San Koronatu*

-3 mm

Bejn id-9 u l-14 ta' Novembru ġiet iċċelebrata fir-raħal tagħna l-festa f'ġieħ San Koronatu Martri. Il-quddies tat-tlett ijiem tat-Tridu kienu mmexxija minn Mons. Joseph Attard filwaqt li dik ta' Lejlet il-festa kienet quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru. L-Għasar ta' qabel il-quddiesa tmexxa minn Mons. Dekan Salv Muscat. Wara l-quddiesa l-Banda Mnarja tellgħet programm mużikali fil-knisja: 'Mnarja Band in Concert'.



Il-quddiesa Solenni ta' jum il-festa kienet immexxija mill-Vigarju Ġenerali Mons. Tarċisju Camilleri Arċidjaknu tal-Katidral, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l- Kleru. Waqt il-quddiesa saret il-preżentazzjoni tal-kandidati għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof tas-sena d-dieħla. Il-festi ntemmu b'Għasar solenni fil 5.15pm u wara saret purċissjoni bil-fdalijiet ta' San Koronatu fil-knisja stess. Fi tmiem il-purċissjoni tkantat l-Antifona u ngħatat l-Barka Sagramentali. **Din is-sena ħabat ukoll is-70 anniversarju minn meta saret il-libsa l-ġdida ta' San Koronatu fis-sena 1951.**



## *NTYC – CD ġdid*

Nhar is-Sibt 27 ta' Novembru, in-Nadur Teen & Youth Centre ħarġu CD ġdid bl-isem "L-Imħabba__". Din l-inizjattiva hija sostnuta bl-iskema "Ministry for Gozo NGO Assistance Scheme" programm ta' finanzjament għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'Għawdex".




## *Inawgurazzjoni tas-Sala Awdjo-Viżiva u l-lift taċ-Ċentru*

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru, l-Onorevoli Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, inawgura l-proġett tas-Sala Awdjo-Viżiva u l-lift li ġie ko-finanzjat mill-Ministeru Għal Għawdex permezz tal-iskema: Support in Organizing and Hosting MICE Activities in Gozo.



**Nirringrazzjaw Lil: N. N. 40 Euro.**



Il-Parroċċa tan-Nadur
tifraħ lil
**Kan. Dun Ġużepp Grech**
tal-ħatra ġdida tiegħu fi
ħdan il-Kapitlu Djoċesan
tal-Katidral bħala
**Monsinjur Onorarju**

JOE CAMILLERI

## Il-Milied fil-qasam

Wara li sena ilu minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija ma stajniex niċċelebraw il-Milied kif xtaqna, din is-sena qed nippruvaw noqorbu xi ftit lejn in-normalità għad li b'ċerti riduzzjonijiet. Għad li qed infakkru l-mitt sena mill-ewwel darba li ħarġet il-purċissjoni tal-Bambin minn qasam Museumin din is-sena kellhom ukoll jitħassru l-purċissjonijiet u għalhekk ma nistgħux induru mat-toroq prinċipali bl-immaġni ta' Ġesù Tarbija. Għan-novena kellna nħallu t-tfal tal-Primarja maqsumin fuq jumejn differenti sabiex ma nlaqqgħux ħafna tfal flimkien u għalhekk il-premjazzjoni taż-żgħar ser tkun fuq jumejn u lanqas nistgħu nagħmlu parties bħalma konna nagħmlu qabel.

## Il-presepju fil-qasam

Iżda minkejja kollox il-presepju qed jerġa' jsir. F'Ġunju li għadda tlifna ħabib u benefattur kbir tagħna Tonio Grech li, fost għajnuniet oħra, għal 26 sena sħaħ kellu f'idejh il-presepju tal-qasam. Arah jibdieh mis-Sajf sabiex kollox ikun f'postu sal-bidu tan-novena u b'dedikazzjoni kbira jqatta' sigħat twal jibnih ftit ftit. Kull sena b'forma differenti. Kien jgħid li t-tfal, adolexxenti u żgħażagħ li jattendu l-qasam jixirqilhom li jkollhom presepju sabiħ sabiex anke huma meta jikbru u jkollhom il-familji tagħhom ikunu jistgħu jagħmlu wieħed f'darhom. Anke meta kien jaf li hu marid xorta baqa' jagħmlu. Dun Ġorġ kien iħobbu ħafna l-presepju u f'daru kien jagħmel wieħed kull Milied. Tonio għadda għal ħajja aħjar imma l-eżempju u l-ħeġġa tiegħu għall-presepju żgur li rnexxielu jgħaddihom lil dawk li kienu jiġu jżuru l-presepju fil-qasam.

U għalhekk ħadna ħafna gost meta l-ħbieb tagħna James Azzopardi u John Paul Portelli avviċinawna sabiex jagħmlu l-presepju tal-qasam. Ħadna ħafna gost b'din il-proposta u nixtiqukom ferm li tiġu taraw dan il-presepju. Ser ikun miftuħ mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-6.00p.m. u d-9.00p.m. u nhar ta' Ħadd bejn il-5.30p.m. u d-9.00p.m. Ejjew araw il-presepju u t-tiżjin sabiħ li għandna fil-qasam.

## Skola ta' Betlem

Hekk kien isejħilha Dun Ġorġ in-novena tal-Milied. Għalih il-grotta ta' Betlem kienet minjiera ta' tagħlim li t-tarbija ta' Betlem trid turina. U aħna s-Soċjetà tal-Verbum Dei – tal-Iben t'Alla li sar Bniedem – naraw dan iż-żmien bħala żmien speċjali. Għalhekk it-tiżjin, il-presepju, ir-rigali marbuta mat-twelid ta' Kristu u fuq kollox in-novena. In-novena għall-klassijiet differenti li jattendu l-qasam minn dejjem kienet żmien speċjali fil-qasam. Għalhekk għeżież ġenituri fakkru lil uliedkom sabiex jattendu. Bgħatnielkom




Portelli Print
Jawguraw il-festi t-tajba lin-Nadurin kollha
40, Ta' Said Street, Nadur, Gozo. Tel/Fax: 2155 8232
e-mail: portelliprint@gmail.com

newsletter u jekk jogħġobkom fakkruhom u ħeġġuhom. Dan hu żmien sabiħ ħafna. Bosta missirijiet jgħidulna li jieħdu gost iwasslu lil uliedhom għaliex għandhom memorji sbieħ ħafna ta' Milied museumin. Ejjew inkompli nagħtu dawn il-memorji sbieħ lil uliedna.

## Il-Kunċert tal-Milied

Qed nippreparaw bi sħiħ sabiex intellgħu Kunċert tal-Milied fil-knisja kif konna nagħmlu sa sentejn ilu. Kor, orkestra, poeżiji, play qasira u l-prietka tal-Milied huma l-ingredjenti li dejjem issib fil-Kunċert tagħna. Ser isir nhar il-Milied filgħaxija fil-knisja u għalhekk mitluba li nimxu mad-direttivi li jagħtuna l-awtoritajiet tas-saħħa. Il-maskra trid tibqa' milbusa t-tul kollu tal-programm. Hu mitlub li ma nħarrkux siġġijiet jew bankijiet sabiex tinżamm id-distanza meħtieġa. Nirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali Nadur u lil Francis Sultana tal-għajnuna kbira li qed jagħtuna sabiex inkunu nistgħu nagħmlu dan il-kunċert. Għal dawk li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jattendu, dan il-kunċert ser ikun trasmess fuq mnarjalive.com. Għaddu dan l-indirizz diġitali lill-familjari u ħbieb speċjalment imsefrin sabiex ikunu jistgħu jsegwuna permezz ta' dawn il-mezzi diġitali.

F'isem sħabi u dawk kollha li jattendu fil-qasam tagħna nixtiqilkom Milied ħieni u sena ġdida mimlija bil-barka tal-Mulej.





RITA SACCO

## Il-QASAM IL-ĠDID

"Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-risq, ta' min ixandar is-salvazzjoni" (Isaija 52; 7)

Dan huwa dak li tgħidilna l-iskrittura. Huwa kliem li joqgħod tant tajjeb f'din l-okkażjoni providenzjali. Kienet żgur il-providenza ta' Alla li nebbħet lis-soċju Manwel Sultana li xtaq li jħalli d-dar għas-Soċjetà tal-MUSEUM u allura din ir-residenza fi Triq Cicciano, ġiet imħollija bħala legat minn Manwel Sultana lis-Sezzjoni Nisa tal-M.U.S.E.U.M. biex tintuża għat-tagħlim tal-katekiżmu. Peress li l-bini ma kienx fi stat tajjeb, dan ġie ttrasformat f'post xieraq bħala Qasam ġdid għat-tfal u għall-adolexxenti tan-Nadur. B'hekk tajna wkoll il-kontribut tagħna għall-ambjent u għall-ħarsien tal-patrimonju arkitettoniku tar-raħal tagħna. Dan ma kienx iseħħ kieku ma kenitx il-ħidma u l-għajnuna ta' afna benefatturi ġenerużi.

Iċ-Ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-qasam il-ġdid saret is-Sibt, 2 ta' Ottubru, 2021. Preżenti kien hemm Mons. Isqof Anton Teuma flimkien mal-kleru tal-parroċċa tagħna. Kien hemm ukoll Mons. Lawrence Sciberras, l-Assistent Ekkleżjastiku tas-Soċjetà, is-Superjura Ġenerali Mansy Cutajar u l-amministrazzjoni tas-Soċjetà, is-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien ma' mistednin oħrajn fosthom il-Perit Edward Scerri li kien hu li ħa ħsieb dan il-proġett.

Fil-kelmtejn tiegħu għall-okkażjoni, Mons. Isqof qal:
"Kif tidħol f'dan il-post hemm sensazzjoni ta' paċi, fl-istess ħin sens ta' sempliċità li jgħinek tagħraf l-affarijiet importanti. Mingħajr ix-xandir tal-Kelma ta' Alla l-fidi ma tistax tkompli", kompla l-Isqof. "Jiġifieri jekk ma għandniex ix-xandir tal-Kelma ta' Alla ma għandniex il-fidi. Kif jgħidilna San Pawl wara kollox, il-fidi tiġi mis-smigħ u s-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Dawn huma affarijiet li aħna ma nagħtuhomx il-piż kemm suppost ikollhom. Jekk irridu nsaħħu l-fidi, irridu nkabbru dawn l-okkażjonijiet fejn tixxandar il-Kelma ta' Alla. U allura dan il-post f'dan ir-raħal huwa wieħed mill-muturi l-kbar, flimkien mal-Museum tas-Subien, maċ-Ċentru taż-Żgħażagħ u mal-Parroċċa, li jagħtu l-enerġiji l-kbar u jippumpjaw il-fidi."

Tkellmet ukoll is-Superjura Ġenerali li fakkret fis-Salm 126. "Lil hinn mis-sbuħija u l-apparenza li huma bżonnjużi u jgħinu ħafna, hemm aspett aktar importanti: dak ta' sbuħija ġewwenija, sbuħija tal-ħajja mgħixa b'Ġesù, miegħu u għalih. Hu permezz tal-ħajja tagħna li bħalma jgħid is-Salm, inħallu lil Ġesù jkun hu li jibni, jgħasses u jindokra dan il-post. Kemm hu sabiħ li Ġesù jieħu l-ħajja permezz tagħna! Kemm hu sabiħ li kull min imiss ma' dan il-post ikollu l-opportunità li jsir aħjar għax ikollu esperjenza ħajja ta' Ġesù!"

Wara sar it-tberik tal-post minn Mons. Isqof u r-ringrazzjamenti mis-superjura tal-qasam.
Iċ-ċerimonja spiċċat b'kelmtejn li għamel l-Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur, Mons. Jimmy Xerri.

San Ġorġ Preca dejjem kien jinsisti li jekk il-Mulej ma jkunx hu li jibni d-dar għalxejn jitħabtu dawk li jibnuha. Jalla dan il-qasam ikun il-post fejn Alla jkun magħruf u maħbub u jkun l-forġa fejn jinħaraq id-dnub.

## ATTIVITAJIET U TAGĦLIM FIL-QASAM

Għalkemm dan il-qasam ġie miftuħ uffiċjalment fit-2 ta' Ottubru, xorta kien beda jintuża xi xhur qabel għat-tagħlim, mhux biss fis-sena skolastika, imma wkoll fil-vaganzi tas-sajf. Matul das-sajf, organizzajna xi attivitajiet għat-tfal li kienu jattendu fosthom crafts b'tema spiritwali. It-tfal urew ħafna interess u dawn il-crafts intwerew f'wirja li ġiet organizzata fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni.

Preżentament, minbarra l-lezzjonijiet regolari, it-tfal u xi wħud mill-adolexxenti qegħdin jattendu regolari kull nhar ta' Sibt għal xi lezzjonijiet b'differenza u anke għal xi attivitajiet, waqt li dejjem nimxu mad-direttivi tal-Covid 19 maħruġin mill-awtoritajiet tas-saħħa.

Inħeġġu lill-ġenituri sabiex ikomplu jibgħatu lil uliedhom għat-tagħlim nisrani, anke wara li jagħmlu l-Griżma tal-Isqof, sabiex ikomplu jiġu edukati fil-fidi

Is-superjura flimkien mal-membri jixtiequ jieħdu l-opportunità li jwasslu l-awguri ta' Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija paċi li jaf jagħti Ġesù Bambin lill-benefatturi kollha u lill-poplu Naduri.



Weddings, Holy Communions, Holy Confirmations, Graduations
WHATEVER THE OCCASION..
WE CAN HELP YOU GIVE THAT
memorable gift
CONTACT US ON 79592548











# Mill-Ħajja
## TAĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fr Mark Bonello

Bħalissa hawn ħafna esperti u "esperti" li qegħdin jgħidulna x'irridu nagħmlu f'dawn iż-żminijiet ta' pandemija. Il-prekawzjonijiet huma neċessarji u kulħadd għandu jagħmel mill-aħjar biex iżomm magħhom mingħajr ma jelimina jew jillimita żżejjed il-ħajja soċjali li hija essenzjali għall-bniedem.

Bħala Ċentru li s-soltu nagħmlu ħafna attivitajiet soċjali, kellna nimmodifikaw ħafna l-programm annwali tagħna. Iżda aktar mhu qed jgħaddi ż-żmien aktar qed nindunaw kemm hawn attenzjoni kbira lis-saħħa fiżika tal-bniedem inġenerali, iżda mill-banda l-oħra kemm hawn nuqqas kbir ta' attenzjoni u kura għas-saħħa mentali li qed tolqot lil dawk l-aktar li huma vulnerabbli, pereżempju l-morda u l-anzjani. Però, ta' min jinnota wkoll li din il-problema tas-saħħa mentali ħakmet bil-kbir lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ, dawk li l-aktar jibbażaw il-ħajja tagħhom fuq l-interazzjoni umana. Mhux ta' b'xejn li malli l-awtoritajiet fetħu l-bibien lill-postijiet tad-divertiment, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ iffullaw biex imorru mingħajr ma qagħdu jaħsbuha darbtejn.

Intant, iċ-Ċentru kien, għadu u jibqa' l-post li fih iż-żgħażagħ u l-adolexxenti Nadurin (u anke minn irħula oħra) jistgħu jiġu jqattgħu siegħa flimkien f'post san, jirċievu tagħlim u esperjenzi spiritwali u jipparteċipaw f'attivitajiet oħra ta' divertiment. Hu għalhekk essenzjali li ċ-Ċentru tagħna, bħal ħafna oħrajn li jeżistu fil-parroċċi, jkun sostnut u inkoraġġut, u mhux imfixkel, milli jkompli jwettaq il-missjoni tiegħu.

F'dawn l-aħħar xhur il-ħidma tagħna kompliet għaddejja, u bil-għajnuna ta' Alla qegħdin jattendu numru sabiħ ta' adolexxenti u żgħażagħ kemm fiċ-Ċentru tagħna għal-laqgħat li jsiru matul il-ġimgħa u kemm ġewwa Malta għal-laqgħa li nagħmlu liż-żgħażagħ li jgħixu Malta (studenti u ħaddiema). Dawn huma wħud mill-attivitajiet li għamilna s'issa:



**Flow – water game activity:** Din l-attività li saret fuq il-bejt taċ-Ċentru stess, u li kienet tinkludi logħob bl-ilma, saret fl-aħħar tas-Sajf u fil-bidu ta' sena pastorali ġdida. Kienet attività ta' ferħ u kompetizzjoni li ħajret ħafna studenti sabiex jingħaqdu mal-familja tagħna.



**Ħarġa bir-roti:** Fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru, meta x-xemx kienet għadha fl-aqwa tagħha, organizzajna ħarġa bir-roti. F'din l-attività kellna ċ-ċans nammiraw in-natura, inkabbru l-ħbiberiji tagħna u nagħmlu ftit attività fiżika li tgħin ukoll lis-saħħa mentali ta' kulħadd.



**Villa San Lawrenz – Elderly Residential Home:** Permezz ta' din l-inizjattiva qattajna ftit sigħat ma' dawn l-anzjani fejn fost l-oħrajn kellna ċans nilagħbu t-tombla u nkantaw innijiet flimkien. Żgur li fil-futur qarib ser ikollna aktar ċans immorru fi djar oħra tal-anzjani biex naqsmu l-ferħ flimkien.



**Kristu Re u NAVIS:** L-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna pparteċipaw f'attivitajiet imħejjija mill-KDŻG għall-festa ta' Kristu Re u tal-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ. Dik tal-

adolexxenti saret Ta' Pinu filwaqt li taż-żgħażagħ saret f'forma ta' mixja mill-Kunċizzjoni (Qala) sas-Santwarju Ta' Pinu. Min-naħa l-oħra NAVIS kien seminar għall-animaturi kollha ta' Għawdex, organizzat mill-KDŻG u li sar fiċ-Ċentru tagħna f'Settembru li għadda. Kienet okkażjoni li fiha diversi animaturi qasmu l-ideat u l-isfidi li jiltaqgħu magħhom fil-pastorali.




**Il-proġett tas-CD "L-Imħabba__":** Dan il-proġett li sar bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, jinkludi fih is-sehem ta' ħafna adolexxenti u żgħażagħ minn tagħna li ħadmu bis-sħiħ. Minkejja li r-riżultat tiegħu huwa CD bi tmien kanzunetti, kien hemm ħidma wkoll biex isir music book bil-mużika tal-innijiet, ħalli dawn ikunu jistgħu jiġu użati waqt quddies jew okkażjonijiet oħra. Dawn l-innijiet, flimkien ma' oħrajn, ġew ukoll użati biex qsamna l-ferħ tagħna mal-anzjani fid-djar tagħhom. Min jixtieq jakkwista CD, għadu biċ-ċans li jagħmel dan miċ-Ċentru stess.




**Mixegħla tal-Qaddisin:** Din is-sena, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna ġew mistiedna jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni tal-mixgħela tal-qaddisin. Kienet attività li fiha ħareġ ħafna t-teamwork u l-perseveranza tal-adolexxenti tagħna li minkejja t-temp li ma kienx jiffavorixxi din l-attività, xorta waħda għamlu ħilithom biex kollox isir kif kien ippjanat u l-attività tkun suċċess.

**Merry & Bright – fundraising tal-Milied:** F'dan il-fundraising inbiegħu l-apple pies, mince pies, poinsettias u crafts oħra tal-Milied. Bil-ħidma ta' tant benefatturi, kien fundraising importanti li għenna nagħmlu kuraġġ u nagħtu bidu għall-proġett tal-altar u tat-tabernaklu fil-prayer room il-ġdida taċ-Ċentru stess.



**Attivitajiet oħra:** Kien hemm diversi mumenti oħra ta' spiritwalità kif ukoll ta' rikreazzjoni li wettaqna. Ta' min isemmi l-mawriet fiċ-ċimiterji tan-Nadur u anke l-quddiesa li ċċelebrajna hemmhekk stess. Kellna wkoll mumenti oħra ta' ferħ bħal Haloween Trivia night, Bonfires, u anke Treasure Hunts.

Fl-aħħar mill-aħħar nikkonkludi dawn il-kelmtejn billi nitlobkom ħaġa waħda: Għandna diversi attivitajiet ippjanati u ppreparati marbuta ma' dan iż-żmien ta' tħejjija tal-avvent u l-Milied; uħud spiritwali u oħrajn formattivi. Nitolbukom iżżommuna fit-talb tagħkom sabiex il-ħidma tagħna tibqa' għaddejja u xejn u ħadd ma jtellifna milli nkomplu nagħmlu l-ġid fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna.





# 2021 - 2022 - STAĠUN ĠDID

CHARLIE GRECH

Dan l-istaġun fejn beda bil-Laqgħa Ġenerali Annwali fit-3 ta' Ġunju 2021, li saret b'mod virtwali minħabba l-pandemija Covid 19. Il-kumitat Naduri ġie ffurmat hekk: President Tristen Portelli; Viċi President Edgar Portelli; Segretarju: Jean Pierre Saliba; PRO: Kaxxier: Kevin Vella; Ass. Kaxxier: Renald Xuereb; Kit Managers: Joseph Said u Mario Pace; Ground Managers: Joseph Said u Mario Mercieca; Event Team Leaders: Rupert Grech u Jeremy Portelli; Events Team membri: Paul Azzopardi u Franco Borg; Rappreżentant Legali: Dr. Chris Said; Club Accountant: Buttigieg Accountants; Direttur Spiritwali: Dun Karm Portelli u Tabib tal-Club Dr. Mario Saliba. Il-Kumitat beda jaħdem sabiex isaħħaħ l-iskwadra, u bħala coach baqa' Branco Nisevic, b'Paul Camilleri jassistih. Il-Goalkeepers coach jibqa' Sammy Attard. Fost il-players li ngħaqdu mal-Youngsters insibu lill-goalkeeper Baskal Saliba, Jordi Parnis, Gabriel Saliba, Joseph Mario Vella, Joseph Zammit u l-Brażiljani Lucas Moreira u Judivan Flor da Silva.







Intant l-istaġun beda bil-kbir għal Nadur Youngsters, meta fit-3 ta' Settembru kellna l-partita kontra Għajnsielem (wieħed mit-timijiet favoriti għall-unuri). Kienet partita pjaċevoli u kumbattuta ħafna. Kienu Nadur li fetħu l-iskor fl-20 minuta minn **Ederson Bruno Domingos**. Reazzjoni qawwija mill-Blacks li sal-mistrieħ irnexxielhom idawru l-iskor b'goals minn Igor Nedeljkovic fil-31 minuta u Dejan Galic fit-42 minuta. Fit-tieni taqsima, Nadur stinkaw ħafna sabiex jiksbu d-draw u dan irnexxielhom jagħmluh fis-70 minuta, meta **Judivan Flor da Silva** skorja l-ewwel goal personali mal-Youngsters. Kien goal mistħoqq għal riżultat ġust f'partita sabiħa bejn żewġ timijiet b'aspettattivi kbar għal dan l-istaġun. Dan id-draw kien il-200 draw għall-Youngsters fil-logħob tal-Kampjonat.

It-tieni partita rat lill-Youngsters kontra Victoria Hotspurs fl-10 ta' Settembru. Partita iebsa, kumbattuta u b'waqtiet nervużi kontra r-Rabtin, fejn Nadur għalkemm kienu l-aħjar team, ma setgħux isibu x-xibka. Hotspurs operaw bil-kontrattakki u b'difiża determinata, imma li finalment kellhom iċedu għall- goal ta' **Marcelo Junior Barbosa** fit-80 minuta, propju 3 minuti wara li Nadur spiċċaw jilagħbu bi player inqas wara li tkeċċa Ederson Bruno Domingos b'żewġ karti sofor. Tliet punti importanti ferm fil-mixja biex niddefendu t-titlu miksub 2 staġuni ilu.

It-tielet partita (17.09.2021) kienet kontra Xewkija Tigers li flimkien mal-Youngsters, Hotspurs u Għajnsielem kienu protagonisti fl-aħħar staġuni. Fil-ground imma rajna storja wisq differenti. Il-Youngsters, mgħejuna minn sapport qawwi, ħarġu bil-kbir, iddominaw il-partita mill-bidu sat-tmiem u skurjaw 7 goals mingħajr risposta. Il-goals tal-Youngsters waslu minn doppjetta ta' **Judivan Flor da Silva** fid-9' u fit-73 minuta, **Stefan Cassar** fis-47minuta, hat-trick ta' **Marcelo Junior Barbosa** fl-64, fis-70 u fit-78 minuta, **b'Jordi Parnis** jgħaqqad is-sebgħa fis-87minuta.

Fis-27 ta' Settembru kien imiss lil Sannat Lions, fejn wara li Nadur fetħu l-iskor fit-30 minuta minn goal sabiħ ta' **Marcelo Junior Barbosa**, sabuha xi ftit diffiċli li jsarrfu d-dominanza tagħhom f'goals. Dak li ma sarx fl-ewwel taqsima, il-Youngsters għamluh fit-tieni waħda meta fl-64 minuta **Barbosa** għamilhom tnejn. Fil-75 minuta kien imiss lil **Joseph Mario Vella** li jiskorja l-ewwel goal tiegħu man- Nadur, biex fl-aħħar minuta **Stefan Cassar** għamel ir-riżultat 4-0.

Oratory Youths kienu l-avversarji fil-5 partita tal-kampjonat u Nadur rebħu l-logħba 5-0. Nadur reġgħu kienu dominanti u daħlu jistrieħu bl-iskor ta' 3-0. Il-ħames goals waslu minn **Judivan Flor da Silva** fit-28 minuta, tripletta oħra ta' **Marcelo Junior Barbosa** fit-29, fit-63 u fil-65minuta u **Stefan Cassar** 2 minuti fuq il-ħin regolamentari tal-ewwel taqsima. L-ewwel goal ta Judivan Flor da Silva kien il-100 goal għall- Youngsters kontra Oratory Youths fil-kompetizzjonijiet kollha, waqt li dak ta' Stefan Cassar kien il-75 goal kontra l-Youths fil-Kampjonat.

Partita bi ftit storja kienet dik kontra S. K. Victoria Wanderers, fejn Nadur għalkemm iddominaw kompletament ma sabux ix-xibka fl-ewwel taqsima bejn għax il-Wanderers kienu qed jiddefendu bil-kbir, bejn nuqqas ta' ħsieb u anke sabu lill-goalkeeper Rabti f'burdata tajba. Imma dak li ma għamlux fl-ewwel taqsima, il-Youngsters għamluh fl-ewwel kwarta tat-tieni waħda, meta skorjaw żewġ goals minn **Judivan Flor da Silva** fid-49 minuta u **Joseph Zammit** (l-ewwel goal tiegħu mal-Club) mas-siegħa logħob. Kienet ukoll il-ħames partita konsekuttiva li Nadur ma qalgħux goal.

L-aħħar partita tal-ewwel round tal-kampjonat kienet kontra Kerċem Ajax, team li kien qed juri logħob tajjeb u kien qiegħed biss punt taħt Nadur u Għajnsielem wara 6 logħbiet. Nadur niżlu għal din il-partita b'sapport qawwi għal darb'oħra u ma kinitx sorpriża li fl-ewwel nofs siegħa logħob huma kienu diġà serrħu rashom mir-riżultat bi tliet

goals bla risposta. Kien **Joseph Zammit** li fis-16 il-minuta fetaħ l-iskor, **Judivan Flor da Silva** minn penalty fl-24 minuta għamilhom tnejn biex 6 minuti wara **Marcelo Junior Barbosa** skorja t-tielet goal. Fit-tieni taqsima reġa' kien **Barbosa** li fis-70minuta kiseb doppjetta. Fit-82 minuta, Kerċem naqqsu l-iskor meta Luis Henrique Santana Motta minn penalty għeleb lil Steve Sultana (kien ilu 580 minuta ma jaqla' goal dan l-istaġun) fil-lasti tan- Nadur. Dan il-goal kien id-950 goal li qalgħu Nadur Youngsters fil-logħob tal-Kampjonat. Minuta mit-tmiem, **Gabriel Farrugia** għamel ir-riżultat finali 5-1. Wara din il-logħba, Sannat Lions wettqu sorpriża meta għelbu lil Għajnsielem biex fi tmiem l-ewwel round Nadur jinsabu 3 punti vantaġġ fuq l-istess Għajnsielem u l-uniku team bla telfa sa issa. Din kienet ukoll l-10 partita taħt il-coach Branco Nisevic li minnhom Nadur rebħu 9 u ġew draw 1, skorjaw 37 u qalgħu 4 goals.

Bil-waqfa mill-kampjonat, ingħata bidu għall- kompetizzjonijiet K.O. tal-G. F. A., bil-logħob jintlagħab fil-ground ta' Kerċem peress li qed jinżera t-turf fil-Gozo Stadium. Nadur bdew l-impenji tagħhom fil-kompetizzjoni tat-Tazza GFA fir-round preliminarju kontra St. Lawrence Spurs tat-tieni Diviżjoni, fl-24 ta' Ottubru. Kienu l-iSpurs li ħasdu lill-Youngsters b'goal kmieni meta Alen Haska sab ix-xibka fit-8 minuta. Wara l-ħasda, Nadur iddominaw u dawru r-riżultat favurihom sa tmiem it-taqsima, b'żewġ goal ta' **Lorenzo Atzori** fid-39 u fl-44 minuta. Dawn kienu l-ewwel goals ta' Atzori mal-Youngsters. Fit-tieni taqsima Nadur skorjaw 3 oħra minn **Ederson Bruno Domingos** fis-67, **Judivan Flor da Silva** fid-69 u **Jordi Parnis** fil-81 minuta, għal skor finali ta' 5-1. Fil-kwarti Finali Nadur jiltaqgħu kontra Victoria Hotspurs.

Fil-kompetizzjoni tan-K.O. tal-Ewwel Diviżjoni, Nadur Youngsters iltaqgħu kontra Oratory Youths fil-kwarti finali, il-Ħadd 14 ta' Novembru. Nadur serrħu rashom mir-riżultat fl-ewwel taqsima meta goals minn **Jordi Parnis** fis-6 minuta u żewġ penalties skurjati minn **Marcelo Junior Barbosa** 10 minuta u **Judivan Flor da Silva** fit-38 minuta, għamlu l-iskor 3-0. Għat-tieni taqsima Nadur ikkontrollaw bla wisq diffikultà u sforz żejjed. Fis-semi finali il-Youngsters jiltaqgħu kontra Kerċem Ajax.

Wara r-rebħa fuq St. Lawrence Spurs fit-Tazza G.F.A., Nadur iltaqgħu kontra Victoria Hotspurs fil-Kwarti Finali, is-Sibt 20 ta' Novembru. Kienet partita mistennija ħafna u kull min attenda għaliha ma ddispjaċihx. Fl-ewwel taqsima Nadur kienu aktar aggressivi waqt li l-Hotspurs operaw b'xi attakki li però ma kinux perikolużi. 5 minuti fit-tieni taqsima, **Judivan Flor da Silva** fetaħ l-iskor għal Nadur. Ir-Rabtin dehru xi ftit mifxula u Nadur komplew jamministraw il-partita. Fl-64 minuta, f'attakk iżolat il-Hotspurs ġabu d-draw b'xutt fil-baxx ta' **Robinson Blandon Rendon** wara azzjoni personali. Reazzjoni immedjata min- Nadur u reġa' kien **Judivan Flor da Silva** li b'xutt qawwi skorja l-goal tal-vantaġġ. L-eroj tal-Youngsters biż-żewġ goals, spiċċa mkeċċi wara li ntwera l-karta l-ħamra għall- foul fuq Serrano. Imma bħalma ġara propju fil-partita kontra l-Hotspurs fil-kampjonat, wara din it-tkeċċija kienu Nadur li sabu l-goal ta' 3-1, minn **Marcelo Junior Barbosa**, 3 minuti mit-tmiem. Issa l-Youngsters jilagħbu kontra Oratory Youths fis-semifinali.

Il-Ħadd 28 ta' Novembru kienet iċċelebrata quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna b'suffraġju għall-membri tal-kumitat, players, supporters u benefatturi li ħallew din id-dinja qabilna.



Is-Sibt 4 ta' Diċembru, Nadur Youngsters fetħu t-tieni round b'rebħa importantissima 2-1 kontra r-rivali Għajnsielem sabiex fetħu vantaġġ ta' 6 punti fuq il-Blacks. Kienet partita sabiħa u baqgħet eċitanti sal-aħħar suffara. Nadur, b'support verament qawwi u kontinwu, fetħu l-iskor fit-33 minuta meta kien **Judivan Flor da Silva** li sab ir-rokna tax-xibka fost id-delirju ta' ferħ mill-partitarji Nadurin. Dan kien it-8 goal tiegħu fl-aħħar 7 partiti. Għajnsielem kisbu d-draw minuta fuq il-ħin mogħti żejjed fl-ewwel taqsima wara taħwida quddiem il-lasti ta' Steve Pisani. Il-partita saret xi ftit nervuża fit-tieni taqsima, imma kienu Nadur li komplew jilagħbu b'aktar kalma sakemm **Marcelo Junior Barbosa** skorja l-goal li ta 3 punti ferm importanti lill-Youngsters bit-12- il-goal tiegħu fil-kampjonat. Din kienet ukoll il-50 rebħa ta' Nadur fuq Għajnsielem fil-logħob tal-kampjonat, fejn sa issa ltaqgħu 109 darbiet, 29 spiċċaw draw u Għajnsielem rebħu 30. Bħala goals Nadur skurjaw 183 u qalgħu 138.

**Nawgura Milied ħieni u qaddis lin-Nadurin kollha flimkien ma' Sena ġdida mimlija paċi u sliem.**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 8 | 7 | 1 | 0 | 28 | 4 | 24 | 22 |
| Għajnsielem | 8 | 5 | 1 | 2 | 18 | 8 | 10 | 16 |
| Kerċem Ajax | 7 | 5 | 0 | 2 | 18 | 17 | 1 | 15 |
| Xewkija Tigers | 8 | 3 | 1 | 4 | 12 | 21 | -9 | 10 |
| Victoria Hotspurs | 8 | 2 | 2 | 4 | 12 | 13 | -1 | 8 |
| Sannat Lions | 8 | 2 | 2 | 4 | 9 | 17 | -8 | 8 |
| Oratory Youths | 8 | 2 | 1 | 5 | 9 | 14 | -5 | 7 |
| S. K. Victoria Wanderers | 7 | 1 | 0 | 6 | 5 | 17 | -12 | 3 |



IĊ-ĊIMA

ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

BERNANDY SUPERMARKET

Your Shop - Your Choice

Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo

Tel: 2156 5546

*M & J Garage*

**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**

*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*

**Car Rental**



Garden of Eden

Health and Beauty Salon

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170

# IS-SAGRAMENTI TAT-TQARBIN U TAL-KONFERMAZZJONI FIL-BAŻILIKA TAN-NADUR FIS-SENA 2021

## GRIŻMA TAL-ISQOF
15 ta' ĠUNJU 2021





Il-gruppi ta' greżimandi li rċevew is-sagrament tal-konfermazzjoni fl-2021

**KANDIDATI BNIET:** Attard Julia; Borg Amy; Bugeja M'Lourdes; Buttigieg Elisa; Camilleri Thea; Falzon Maya; Falzon Miriana; Farrugia Trishia; Farrugia Leah; Fenech Kirsty; Grech Chayanne; Meilaq Kylie; Mercieca Ana; Mercieca Hayley; Mifsud Miriana; Muscat Nirvana; Muscat Yasmine; Pace Danielle; Pace Naomi; Portelli Sarah; Rapa Rhiana; Said Melanie; Saliba Federica; Scerri Raine; Vella Davoda; Vella Sarah; Xuereb Katya.

**KANDIDATI SUBIEN:** Attard Ayden; Attard Nathan; Attard Wyitt; Azzopardi Jayden; Camilleri Akim; Cassar Melchior; De Gouveia Kyle; Grech Jayden; Haber Luca; Hili Kayden; Meilak Steven; Mercieca Malcolm Joe; Muscat Neil; Muscat Sven; Portelli Nathaniel; Said Benjamin; Said Jodie Paul; Saliba Owen; Sammut Aiden.

## L-EWWEL TQARBINA
30 ta' MEJJU 2021





Il-gruppi ta' studenti li rċevew l-Ewwel Tqarbina fis-sena 2021

**BNIET:** Azzopardi Mariah; Camilleri Chanel; Camilleri Mickela; Caruana Raquel; Fenech Saidie; Galea Eve; Green Gwen; Hili Elisa; Mizzi Julia; Pace Mackenzie; Portelli Ava; Portelli Eliza; Said Ritienne; Spiteri Isabella; Tabone Christina; Vella Gabriella.

**SUBIEN:** Aquilina Luke; Camilleri Tristan Joe; Hili Isaac; Mallia Max; Mercieca Shaun Pete; Rapa Zack; Rapa Zane; Sammut Mason; Sultana Steven; Theuma Ġanni; Vella Claudio.

# APPREZZAMENT

## IL-KANONKU DUN PIET SAMMUT

31/05/1944 – 16/08/2021

Il-Kanonku Dun Pietru Sammut twieled fil-31 ta' Mejju, 1944 fin-Nadur. Huwa iben Salvatore Sammut, li kien surġent, u Karmena Cordina. Huwa attenda l-iskola primarja tan-Nadur u l-iskola sekondarja fis-Seminarju, fejn kien student intern. Tħejja għall-ħajja tas-saċerdozju fis-seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fejn wera assidwità fl-istudju u kien student eżemplari. Huwa ġie ordnat saċerdot fit-30 ta' Mejju, 1970 flimkien ma' Dun Tarċisju Camilleri, Dun Ġużepp Attard, Dun Anton Sultana, Dun Mikiel Borg u Dun Ġorġ Grech. Huwa serva wkoll bħala librar fis-Seminarju bejn l-1980 u l-2005.

Fil-parroċċa kien magħruf bħala bniedem soċjevoli u ħabib. Kien iservi fil-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl u fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Barra l-quddies, meta kien f'saħħtu, kien jiddedika ħin ukoll għall-qrar. Dun Piet ta dak kollu li seta' lill-komunità parrokkjali minkejja l-limiti li għandu kull bniedem. Dun Piet inħatar Kanonku tal-Kolleġġjata fit-2 ta' April, 2000.

Huwa miet fis-16 ta' Awwissu, 2021 fl-għomor ta' 77 sena. F'dawn l-aħħar tliet snin kien residenti fid-Dar tal-Kleru, ġewwa Birkirkara, Malta.

Għalkemm ma kienx jippriedka l-kelma ta' Alla minn fuq l-ambone, il-messaġġ nisrani għaraf iwasslu lill-komunità permezz tal-kotba spiritwali li kiteb.



Ir-Rev. Kan. Dun Piet Sammut nhar jum il-festa ad unur San Pietru u San Pawl.

Dawn jinkludu:

i. Il-Qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (1993)
ii. Kristu – Ħajtu u Tagħlimu (1997)
iii. Il-Jiem tal-Akbar Imħabba (2004)
iv. L-Ewkaristija tmexxina lejn il-Qdusija (2007)
v. Il-Ħajja tal-Imqaddsa Verġni Marija (2008)
vi. Is-Seba' Kelmiet ta' Kristu minn fuq is-Salib (2009)
vii. Mixja mal-Qaddis ta' Kuljum (2012)
viii. Kristu jagħtina l-Ilma Ħaj (2015)
ix. Kif insaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Ġesù (2017)

F'dawn l-aħħar snin huwa kellu bastun fuq xiex iserraħ bl-għajnuna kontinwa li tah in-neputi Mark. Forsi l-Mulej pattielu ta' kemm Dun Piet għamel ma' ommu fl-aħħar snin ta' ħajjitha.

# RESTAWR TAS-SAQAF tal-Knisja Parrokkjali Nadur

## It-tieni fażi

Il-Perit Edward Scerri

Sentejn ilu kont ktibt artiklu dwar l-ewwel fażi tar-restawr tas-saqaf tal-knisja minn ġewwa. Dik l-ewwel fażi kienet limitata għall-parti tas-saqaf fil-kappellun tan-nofsinhar, biswit l-artal ta' San Koronatu. Issa waslet biex tiġi kompluta t-tieni fażi ta' dan il-proġett, li tinvolvi l-ewwel parti tal-korsija, eżattament qabel jibda l-presbiterju.

F'din il-parti tal-korsija, minn investigazzjoni viżwali li saret permezz ta' platform teleskopiku mekkanizzat, konna stajna ninnotaw xi distakkament tal-kwadri centrali u tal-pasta. Kien għalhekk neċessarju li bħalma sar fir-rigward tad-dekorazzjoni kollha fuq il-kappellun ta' San Koronatu, l-istess operazzjoni delikata u intensiva ssir fuq din il-parti tas-saqaf fit-tieni fażi tal-proġett. Il-ħsieb huwa li dan l-istess tip ta' intervent isir fuq is-saqaf kollu tal-knisja. Dan irid isir f'diversi fażijiet, kemm għal raġunijiet tekniċi kif ukoll finanzjarji. Proġett bħal dan jinvolvi ħafna eluf ta' euro biex jiġi attwat.

Biex setgħet tibda l-eżekuzzjoni ta' din il-fażi, l-ewwel intrama scaffolding speċjali magħmul min-numru ta' *trusses* li filwaqt li magħmulin minn metall ħafif, fl-istess ħin kapaċi jieħu l-piżijiet neċessarji għal dan ix-xogħol. Bħalma nstab fl-ewwel fażi tax-xogħol, meta investigat mill-qrib fid-dettal, wieħed seta' jinnota problemi relatati ma' sadid tal-metall li kien jorbot il-pasta mal-bqija tal-istruttura tas-saqaf. Għalhekk, wieħed mill-interventi prinċipali kien jinvolvi t-tneħħija ta' dan il-metall imsaddad fejn strettament neċessarju u jsiru serje ta' toqob fondi li jaslu sas-saqaf strutturali. Dawn imbagħad jiġu mnaddfa ripetutament bil-vacuum, jimtlew b'kolla speċjali impurtata mill-Italja u ġot-toqob jiddeffsu vireg (*dowels*) tal-*fibreglass*, bil-kolla żejda li toħroġ 'il barra mit-toqob terġa' tinġabar. Minn dawn it-toqob saru mijiet u ġew imfassla b'angoli differenti sabiex jieħdu t-toqol tal-pasta b'mod li jerġgħu jorbtuha b'mod imsaħħaħ mal-ġebel tal-istruttura tas-saqaf.

Dan l-irbit ma sarx għall-pasta biss imma sar ukoll għall-ġebel dekorattiv imqabbeż tal-ħnejjiet għaliex dan il-ġebel mhux strutturali imma huwa wkoll imwaħħal mal-istruttura tas-saqaf bil-metall u għaldaqstant ried jintrabat ukoll.

Wara li kien lest il-proċess kollu tat-tisħiħ tal-irbit tad-dekorazzjoni, saret l-applikazzjoni taż-żebgħa u l-induratura mill-ġdid. Saru wkoll xi repliki ta' fejn kien hemm partijiet nieqsa tad-dekorazzjoni jew ta' fejn xi partijiet zgħar tant kien fihom ħsara li ma setgħux jinżammu.

Wara li tkun kompluta din il-fażi ikun imiss li ssir fażi oħra tas-saqaf bl-istess modalitajiet tekniċi użati fiż-żewġ fażijiet preċedenti. B'hekk huwa ttamat li eventwalment id-dekorazzjoni kollha tas-saqaf kollu tal-kappelluni u tal-korsija tkun ġiet imsaħħa, u dak li sar minn artisti rinomati mqabbda mill-antenati tagħna jkun qed jiġi kkonservat għall-ġenerazzjonijiet futuri.



Dettall li juri t-teknika fix-xogħol tar-restawr li sar



Mark Falzon jidher qiegħed jintroduċi biċċa pasta waqt li kien għaddej bix-xogħol ta' restawr tal-pasta tas-saqaf tal-knisja




"Mill-għoli
jiġi jżurna
bħax-xemx
tielgħa"
Lq 1:78b

# Laqgħa: Talb Dun Mikiel Attard




Fost il-ħafna qassisin twajba li kellna fir-raħal tagħna n-Nadur, insibu lil Dun Mikiel Attard li twieled fl-1 ta' Ottubru 1933 u miet fit-30 ta' Lulju 2004.

Dun Mikiel miet 17-il sena ilu b'fama ta' qdusija u sal-lum din baqgħet tiżdied dejjem aktar tant li, wara biss 6 snin minn mewtu, l-Isqof Mario Grech fl-2010 fetaħ il-proċess tal-Beatifikazzjoni tiegħu fuq talba ta' aktar minn 100 qassis minn Għawdex li kienu għamlu petizzjoni lill-istess Isqof. Kien qassis li kull min iltaqa' miegħu żgur li baqa' f'qalbu. Dan jafuh mhux biss ħafna minna n-Nadurin, imma ħafna Għawdxin oħra. Fil-ħidmiet postorali tiegħu ħadem ma' kull kategorija ta' nies. Biżżejjed issemmi li kien Direttur Spiritwali tas-Seminarju u ta' bosta qassisin, konfessur imfittex minn ħafna żgħażagħ u koppji miżżewġa, kien qrib ħafna tas-Soċjetà tal-MUSEUM u ta' għaqdiet religjużi oħra. Waqqaf il-Grupp Missjunarju Għawdxi għax qalbu kienet mimlija ħeġġa għall-missjoni, tant li kien jorganizza gruppi taż-żgħażagħ biex fis-sajf imorru jaħdmu mal-missjunarji Maltin. Hu stess mar fil-missjonijiet fil-Kenja, it-Tunisija, l-Indja, il-Brażil, il-Peru, l-Eġittu, l-Etjopja, il-Pakistan u l-Alġerija. Qabel ma beda jmur il-Missjoni, kien spiss imur bħala *supply priest* fl-Italja, l-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja. Kien devot kbir tal-Madonna Ta' Pinu tant li waqqaf Gym Talb Madonna Ta' Pinu. L-aħħar seba' snin ta' ħajtu għaddihom fuq is-sodda tal-mard bħala offerta lill-Mulej. Min ħa sehem fil-funeral tiegħu, jiftakar li kien wieħed kbir ħafna, għax minbarra l-folla kbira li kienet preżenti, ħadu sehem madwar 120 qassis. Fl-omelija l-Isqof Nikol Cauchi ddeskriva lil Dun Mikiel bħal ***"ġawhra tal-kleru Għawdxi."***

Dawn l-aħħar sentejn, fil-Parroċċa tagħna tan-Nadur fejn kien jgħix, qed tiġi organizzata darba fix-xahar, laqgħa ta' nofs siegħa ta' **Talb fuq l-Ispiritwalità ta' Dun Mikiel.** Din il-laqgħa ssir kull **tielet Erbgħa tax-xahar mis-6.00pm sas-6.30pm.** Tinżamm fil-knisja parrokkjali tagħna u jmexxiha il-viċiparroku Fr. Ruben Micallef. Din il-laqgħa ta' talb qed issir għax tagħmel parti biex Dun Mikiel ikun magħruf aktar fil-virtujiet tiegħu u biex in-nies ikunu jistgħu jitolbu bl-interċessjoni ta' Dun Mikiel. Hekk kien qal l-Isqof Mario Grech, illum Kardinal, fl-Ittra lill-Poplu ta' Alla tat-12 ta' April, 2019: *"nagħmlilkom sejħa biex, b'fidi kbira, tħabbtu fuq il-bieb ta' Dun Mikiel u titolbu miraklu bl-interċessjoni tiegħu".*

Din il-laqgħa ta' talb hija miftuħa għal kulħadd. Imma għalina n-Nadurin, għandha tkun waħda importanti fil-ħajja tal-parroċċa tagħna, għax wieħed minn ulied in-Nadur jinsab fil-proċess tal-Beatifikazzjoni u, jekk Alla jrid, fil-futur għad ikun ikkanonizzat u mogħlli għall-*"unuri tal-altari".* Minn hawnhekk nixtieq minn qalbi verament nistieden lil ħafna nies biex jiġu għal din il-laqgħa ta' talb ta' darba fix-xahar. Huwa ***dover u unur*** għalina li niġu għal dan il-moment sabiħ. Din il-laqgħa tikkonsisti filli nisimgħu omelija ta' Dun Mikiel fuq silta tal-Vanġelu, riflessjoni ta' xi mistieden partikulari li jaqsam magħna l-esperjenza tiegħu ma' Dun Mikiel, tingħad it-talba ta' interċessjoni ta' Dun Mikiel, u tingħata l-barka tal-aħħar. Il-laqgħa tkun imżewqa bil-kant. Ħafna drabi, waqt din it-talba, qed isir talb għal persuni li jitolbuna nitolbu għalihom fil-bżonnijiet tagħhom.

Infakkar ukoll li fil-knisja tagħna, fil-Kappella tad-Duluri, hemm ritratt ta' Dun Mikiel fejn wieħed jista' jitlob xi grazzja lil Dun Mikiel u jixgħellu xi xemgħa.

Mela, int li qed taqra dan l-artiklu ejja għal din il-laqgħa fit-**tielet Erbgħa ta' kull xahar** u ġib miegħek lil xi ħadd ieħor!

Dan l-aħħar ġie ppublikat ktieb sabiħ fuq Dun Mikiel bl-isem **"DUN MIKIEL ATTARD kif baqa' fil-qlub ta' dawk li ltaqgħu miegħu"**.

Dan il-ktieb għandu jkun f'kull familja Nadurija. Jista' jinxtara mill-Uffiċċju Parrokkjali għal donazzjoni ta' €7.

*Iltaqa' ma' Dun Mikiel int ukoll billi taqra dan il-ktieb!*

# TAGĦLAQ IS-SENA TA' SAN ĠUŻEPP

It-8 ta' Diċembru ta' din is-sena hija d-data tal-għeluq tas-sena ta' San Ġużepp. Din is-sena ġiet iċċelebrata mad-dinja kollha għax 150 sena ilu l-Papa Piju IX kien għażel lil San Ġużepp bħala l-patrun tal-Knisja Universali.

Il-Papa Franġisku għandu devozzjoni speċjali lejn San Ġużepp. F'ittra li huwa kiteb għal din is-Sena Ġużeppina jgħidilna xi affarijiet importanti li jgħinuna xħin nirriflettu fuqhom.

"F'Ġużeppi Ġesù ra l-imħabba tenera ta' Alla. Ġużeppi jgħallimna li l-fidi f'Alla tinkludi wkoll li Alla jaħdem fina anke permezz tal-biża' u l-fraġilità tagħna".

"Ġużeppi jgħallimna li qatt ma għandna nibżgħu nħallu lill-Mulej imexxina fit-triq tagħna".

Il-Papa Franġisku juri kemm San Ġużepp ma ntelaqx quddiem il-problemi tal-ħajja imma kien jiffaċċjahom bil-kuraġġ. San Ġużepp ma kienx rassenjat għall-inevitabbli, imma kien bniedem proattiv. Pereżempju, meta huwa ra li Ġesù kien fil-periklu għax Erodi ried joqtol lit-Tarbija, huwa għalaq id-dar u l-ħanut tax-xogħol ta' mastrudaxxa u ħarab lejn l-Eġittu flimkien ma' Marija u t-Tarbija. San Ġużepp jgħallimna nieħdu ħsieb ta' dawk li huma batuti u vulnerabbli.

Fl-ittra li kiteb il-Papa jsaqsi lilna jekk aħniex nipproteġu lil Ġesù u lil Marija. Dak Ġesù li aħna rridu nipproteġu hu "il-fqir, il-persuna fil-bżonn, dak li qiegħed ibati, dak li qed imut, kull stranġier, kull ħabsi u kull persuna marida."

Illum, bħal fil-każ ta' Ġużeppi, "li tkun missier tinvolvi bħala konsegwenza li nintroduċu lit-tfal għall-ħajja u għar-realtà. Mhux li nkun over-protective imma li "nagħmluhom kapaċi jiddeċiedu għalihom infushom".

U l-Papa jfakkarna li "kull tifel għandu fih misteru uniku li jista' joħroġ għad-dawl biss bl-għajnuna ta' missier li jirrispetta l-libertà tal-istess tifel".

Il-Papa Franġisku jagħlaq b'talba lil San Ġużepp li minnha qed nislet dan il-vers;

**"Imqaddes Ġużeppi,**
**Uri li inti l-Missier tagħna wkoll**
**U mexxina fit-triq tal-ħajja".**





# Is-Sinodu tal-Isqfijiet

Dun Loreto Tabone

Meta Papa Franġisku sejjaħ lill-Isqof Mario Grech biex imur Ruma hu malajr ħatru Segretarju tas-Sinodu tal-Isqfijiet u anke ħatru Kardinal. Il-Kardinal Grech hu għalhekk dak li qed imexxi 'l quddiem dan is-Sinodu. It-tema tas-Sinodu hi "Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni, Missjoni".



## X'INHU S-SINODU TAL-ISQFIJIET?

F'ittra li bagħat lill-isqfijiet, il-Kardinal Grech kiteb hekk: "Is-sinodu mhuwiex biss ġrajja, imma hu proċess li jinvolvi f'sinerġija l-Poplu ta' Alla, il-kulleġġ tal-Isqfijiet u l-Isqof ta' Ruma, kollha skont ir-rwol tagħhom". (*Sinerġija tfisser ħidma flimkien ta' nies, gruppi eċċ).*

Kien il-Papa Pawlu VI li fi żmienna waqqaf is-Sinodu tal-Isqfijiet fis-sena 1965, frott tal-Konċilju Vatikan II. Il-Papa preżenti, fl-impenn tiegħu biex imexxi l-Knisja 'l quddiem u skont it-tagħlim tal-istess Konċilju Vatikan II, issa ta lis-Sinodu xejra differenti. Xorta fl-aħħar l-Isqfijiet se jiltaqgħu f'Sinodu tal-Isqfijiet, imma dik tkun l-aħħar fażi. Qabel ikun hemm l-involviment ta' konsultazzjoni fil-Knisja kollha fuq livell djoċesan, nazzjonali u anke interkontinentali (Ewropa, Amerika, Oċeanja eċċ).

Fuq livell djoċesan, l-ewwel fażi, diġà bdiet f'Ottubru 2021 u tkompli sa April 2022. Il-parroċċi dalwaqt jirċievu dokument biex kulħadd fid-djoċesi jkun jista' jagħti l-ħsibijiet tiegħu/tagħha biex ikun hemm konsultazzjoni sħiħa kemm jista' jkun.

Din il-konsultazzjoni tiġi analizzata u mgħoddija lis-seba' laqgħat kbar ta' kull reġjun: l-Ewropa, l-Afrika, l-Oċeanja, l-Asja, il-Lvant Nofsani, l-Amerika Latina, u l-Amerika ta' fuq. Minn kull wieħed minn dawn jitlestew seba' Dokumenti, li jservu ta' bażi, biex jiġu diskussi fis-Sinodu tal-Isqfijiet f'Ottubru tal-2023.

## GĦALFEJN IS-SINODU?

Sinodi Djoċesani diġà kellna anke fid-Djoċesi tagħna. Dan hu Sinodu għall-Knisja kollha, fejn il-Poplu kollu ta' Alla jiġi kkonsultat, biex fl-aħħar stadju l-Isqfijiet ikunu jistgħu jaraw x'inhu t-tħassib u x'jissuġġerixxi l-Poplu ta' Alla. F'intervista mal-istazzjon tar-radju tal-Vatikan il-Kardinal Grech emfasizza li l-iskop tal-ewwel stadju, fid-djoċesijiet, hija li l-Poplu ta' Alla jkun ikkonsultat. Huwa fakkar li l-Konċilju Vatikan II jgħallem li l-Poplu ta' Alla jipparteċipa fl-uffiċċju profetiku ta' Kristu u allura "rridu nisimgħu lill-Poplu ta' Alla u dan ifisser li nisimgħu l-Knejjes lokali."

Waqt li Sinodi tal-Isqfijiet oħrajn ittrattaw temi bħall-Amazonja, il-familja eċċ, dan is-Sinodu se jittratta s-Sinodalità nnifisha. Dan hu vjaġġ flimkien. Fih il-membri tal-Knisja jkunu jistgħu jitgħallmu mill-esperjenzi u perspettiva ta' xulxin, iggwidati mill-Ispirtu s-Santu *(Dokument Preparatorju, 1).* Imdawlin bil-Kelma ta' Alla u magħqudin fit-talb, aħna nkunu nistgħu niddixxernu l-proċessi biex infittxu r-rieda ta' Alla u nimxu fit-toroq li għalihom Alla jsejħilna – lejn Komunjoni, Parteċipazzjoni ikbar, u Missjoni lejn id-dinja. Dawn tal-aħħar huma l-għanijiet tas-Sinodu.

F'ittra lill-Poplu ta' Alla (20 ta' Awwissu 2018), Papa Franġisku kiteb hekk: "Sinodalità tirrappreżenta t-triq li biha l-Knisja tkun tista' tiġġedded bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, waqt li tisma' dak li Alla jrid jgħid lill-poplu tiegħu". Ikompli jgħid il-Papa: Din il-mixja flimkien "tibgħatna nsegwu l-missjoni tagħna bħala xhieda profetika li tiġbor fi ħdana l-familja kollha tal-umanità."

## X'INTOM TGĦIDU?




Din kienet il-mistoqsija ta' Ġesù lid-dixxipli ta' Emmaws fit-triq; dixxipli inkwetati, qalbhom maqtugħa. U din kienet il-mistoqsija li l-Isqof tagħna Anton Teuma għażel bħala suġġett tal-Ittra Pastorali li biha introduċa l-Programm Pastorali Djoċesan. Il-mistoqsija ta' Ġesù għamilha lil



żewġ dixxipli. Papa Franġisku, il-Knisja, qed tagħmel din il-mistoqsija lill-insara kollha. Ilkoll kemm aħna se ningħataw l-opportunità li ngħidu x'inhu dak li qed jinkwetana dwar il-Knisja preżenti, u x'naħsbu li jista' jgħin biex insiru Knisja aħjar.

## X'HEMM BŻONN NAGĦMLU?

1. Nitolbu. "Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja", tgħidilna l-Iskrittura. Nitolbu b'fidi sħiħa: Ġesù ried knisja li tirrappreżentah f'kull żmien u f'kull reġjun/pajjiż. Hemm irridu naslu f'dan il-proċess. Ġesù hu magħna f'dan l-impenn.
2. Naraw u nistudjaw id-dokument li se tibagħtilna d-Djoċesi u nirrispondu għalih. Hija s-sejħa tal-Knisja li qed tagħtina l-opportunità biex flimkien ma nsara oħra, f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja naħsbu u naħdmu flimkien biex ilkoll kemm aħna, Poplu kollu ta' Alla mal-Isqfijiet u mal-Papa Franġisku, fid-dawl tal-Ispirtu s-Santu nippreżentaw Knisja għal żminijietna li tkun taqbel mal-viżjoni ta' Kristu nnifsu.







# Riflessjoni fuq il-Milied

## Angelo Xuereb

Il-Milied huwa festa ta' ferħ mhux mil-lat soċjali biss iżda aktar fuq livell spiritwali.

### 1. Ġesù sar bniedem bħalna

L-ewwel nett għandna biex nifirħu li l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna f'kollox minbarra mid-dnub. Il-bniedem ġie maħluq fuq xbieha ta' Alla. U avolja l-bniedem dineb baqa' xbieha ta' Alla. Bil-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu fid-dinja kiseb dinjità akbar. L-Iben ta' Alla ma ħax is-sura ta' anġlu li huwa superjuri għalina l-bnedmin iżda ta' bniedem. Xi teoloġi jsostnu li d-dnub tal-anġli kienet ribelljoni ta' suppervja meta semgħu li Ġesù Kristu ser jieħu n-natura ta' bniedem. Il-qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard kien iħobb isemmi kwotazzjoni tal-kittieb George Bernanos li jgħid: "Hemm f'kull qatra ilma l-istess ilma fl-oċean, f'kull ġamra l-istess nar li hemm fix-xemx, u f'kull bniedem l-istess Bin il-bniedem li hemm f'Ġesù".

Meta nħarsu lejn il-presepju nifirħu meta naraw lil Ġesù tarbija fil-maxtura. Hawnhekk nilmħuh bħat-trabi l-oħra jibda l-kors ta' ħajtu fuq din l-art. Iżda d-dehra tiegħu fil-maxtura għandha tfakkarna li din it-tarbija mhijiex bniedem biss iżda l-Iben ta' Alla li sar bniedem. San Alfons de Liguori fil-għanja tal-Milied "Ħallejt o Alla is-sema" jikteb:

Ħallejt o Alla s-sema,

Biex tgħix fost il-bnedmin

Sirt bniedem wieħed minna

Biex tifdi lill-ħatjin

### 2. Ġesù huwa l-Iben ta' Alla li sar bniedem

L-idea ta' inżul mis-sema hija kollha kemm hi bibblika. Fit-Testment il-Qadim insibu d-dehra ta' Alla li Ġakobb kellu f'Betel. Il-ktieb tal-Ġenesi jgħidilna: "U ħolom u jara sellum wieqaf fl-art, u rasu tmiss mas-sema, u jara l-anġli ta' Alla telgħin u neżlin miegħu. U l-Mulej kien qiegħed fuqu" (28,12). Dan is-sellum bl-anġli telgħin u neżlin miegħu huwa figura li turi kemm il-miġja ta' Kristu qarrbet lill-bniedem lejn Alla.

Fil-ktieb tal-profeta Isaija nsibu l-profezija f'forma ta' tnehida li tgħid: "Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel u quddiemek jitheżżu l-iġbla" (63,19b). Fl-istess ktieb insibu t-tama mis-sema f'forma ta' stennija. Insibu miktub: "Qattru, ja smewwiet, mill-għoli, u ħa jraxxax is-sħab ir-rebħ" (Is 45, 8).

Fil-ktieb tal-profeta Danjel insibu miktub: "Billejl deherli li qiegħed nara bħal Iben ta' bniedem, ġej fis-sħab tas-sema, li baqa' sejjer sax-Xiħ fil-għomor u tressaq quddiemu. U lilu ngħatat ħakma, ġieħ u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens u poplu u lsien. Il-ħakma tiegħu ħakma għal dejjem, li ma tgħaddix, u s-saltna tiegħu li ma tinqeridx" (7, 13-14).

Sidna Ġesù Kristu stess isemmi l-inżul tiegħu mis-Sema fil-Kapitlu VI ta' San Ġwann meta jqabbel lilu nnifsu mal-manna li ġiet mis-sema bħala ikel għall-poplu Lhudi. Huwa stess jgħidilna: "dan hu l-ħobż li niżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx. Jien hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, biex min jiekol minnu jgħix għal dejjem (Ġw 6, 50-51a).

Fuq kollox ma nkunux għedna kollox jekk ma nistqarrux li l-miġja ta' Kristu fid-dinja seħħet bil-kooperazzjoni tal-Verġni Marija li tat l-"Iva" tagħha lill-anġlu Gabriel sabiex huwa jkun jista' jitnissel fil-ġuf tagħha mill-Ispirtu s-Santu filwaqt li tatu t-twelid fil-għar ta' Betlem.

### 3. Ngħixu ta' Nsara fil-Milied

Dawn il-ħsibijiet sbieħ għandhom jimbutawna sabiex niċċentraw ħajjitna madwar Sidna Ġesù Kristu li tant ħabbna li ġie fostna l-bnedmin. Iżda nkunu nonqsu jekk ma narawx lil Kristu fil-proxxmu tagħna li anki jista' jagħtina l-inkwiet jew ikun imbiegħed minn Alla. Proxxmu huwa wkoll dak li ma nistgħu nieħdu xejn minnu iżda għax fil-bżonn għandna ngħinuh.

Fuq kollox il-Milied jistimulana biex inħossu li Kristu huwa qrib tagħna avolja kultant ma nħossuhx. Anki għal dawk li forsi f'dawn il-festi tal-Milied għaddejjin minn xi forma ta' tbatija għandhom jitfarrġu peress li prinċipalment din hija festa ta' Kristu. Iċ-ċelebrazzjonijiet l-oħra li jiġu mal-Milied, bħal ikliet u parties, għalkemm isebbħu l-atmosfera iżda huma sekondarji u mhumiex l-essenzjali.

Ġesù huwa l-manna tal-Ġdid Testment. Huwa l-ħobż il-ħaj li niżel mis-sema biex aħna nkunu nistgħu nitrejqu fih. Iżda ta' min jinnota li Ġesù tant ħabb lill-bniedem li ħallielna l-Ewkaristija li hija ta' konsolazzjoni u faraġ għan-nisrani.



# Riflessjonijiet Fuq Il-Parrokat Ta' Dun Martin Camilleri
## Mons. Jimmy Xerri - Arċipriet

Dun Martin twieled fis-27 ta' Awwissu 1873 u miet fl-għaxra ta' filgħodu tat-8 ta' Settembru, 1921, fl-età relattivament żgħira ta' 48 sena.

Mhux il-mument li nagħmlu eloġji lil din il-persuna li mmarkat il-ħajja ta' din il-parroċċa. Min irid jaqra fuq Dun Martin u fuq żmienu, jista' jaqra ż-żewġ kotba li ħarġu dan l-aħħar it-tabib Mario Saliba u ż-żagħżugħ Daniel Meilak. Ippermettuli nsemmi xi affarijiet li aktar minn kronoloġija ta' ġrajjiet huma spunti mill-ħajja tiegħu li jgħallmuna kif għandna ngħibu ruħna biex ngħixu l-Fidi b'impenn u mħabba.

i. **L-eżempju jkaxkar** – Dun Martin kellu zijuh saċerdot u kappillan. Żgur li dan il-fatt għenu biex wasal li jiġi ordnat saċerdot fl-1896 u biex kompla jistudja barra minn xtutna fejn kiseb l-għerf fl-affarijiet ta' Alla, li għenuh xħin assuma l-parrokat f'Mejju tal-1910.

ii. **M'hemmx età biex wieħed jibda jservi lil Alla** – Iċ-ċkejken Martinu kien diġà qed iservi bħala abbati fil-parroċċa tax-Xagħra meta kellu biss 5 snin.

iii. **It-talenti li tagħna Alla għandna nħaddmuhom biex nagħmlu l-ġid u nevanġelizzaw** – Dun Martin kellu kapaċitajiet artistiċi innati u kellu intelliġenza li wasslitu biex jagħmel studji teoloġiċi f'Ruma mill-1897. Il-laqgħat mal-artisti ta' żmienu għamluha possibbli għalih li joħloq kumpless armonjuż ta' arti minn din il-knisja li hija għaxqa għall-għajn u ktieb miftuħ ta' katekeżi. It-tkabbir tal-knisja bla ma ttiefes il-proporzjon, żgur li kellu sehem fih hu. Għal Alla għandna noffru l-aħjar u l-isbaħ. Hekk għamel Dun Martin meta għażel l-aħjar artisti ta' żmienu.

iv. **Ippromwova l-ġid integrali tal-parruċċani** – Kif ħalla miktub, "l-arċipriet għandu jaħseb għal dak li huwa temporali fejn jintlaqtu dawk tal-parroċċa tiegħu." Fil-prattika, ħadem favur is-sajjieda, ipprova jsolvi problemi tal-bdiewa, għen lill-foqra bit-twaqqif ta' kċina fl-ewwel gwerra, ħoloq għaqda tal-bdiewa. Ġieli ressaq l-ilmenti u t-tbatijiet ta' maltrattamenti tal-emigranti tagħna fl-Awstralja, quddiem l-awtoritajiet lokali.

v. **Il-perseveranza u l-fiduċja f'Alla jgħinuna nagħmlu ħwejjeġ kbar** – Dun Martin ġieli kien ikkritikat, ħafna drabi kien ikun marsus għall-flus biex jagħmel il-ħlasijiet. Imma f'qalbu kellu lil Alla. Dik il-passiġġata, li kien jagħmel il-Ħadd filgħaxija minn ġol-kampanja għal fejn il-baħar, żgur li kienet tlaqqgħu fil-kwiet mal-Mulej li dejjem jippassiġġa magħna.

vi. **Irridu nużaw il-mezzi kollha li silifna Alla, skont iż-żmien li fih ngħixu, biex inxandru lill-Mulej** – Dun Martin kien jikkorrispondi mal-emigranti fl-Awstralja, fi Franza u f'postijiet oħrajn biex jagħmlilhom kuraġġ u jgħinhom jgħixu ta' Nsara.

vii. **Il-Knisja tissaħħaħ skont kemm tifforma, tgħix il-karità u tiċċelebra** – Narawh jitħabat u jistinka biex jgħallem il-katekiżmu u jġib fostna komunitajiet li jgħallmu lit-tfal. Fl-1913 waqqaf kongregazzjoni tad-duttrina. Fl-1917 infetaħ il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani. Dawn fetħu skola tat-tfal fi żmienu. L-ewwel qasam tal-MUSEUM tal-bniet f'Għawdex beda fi żmienu.

viii. **Il-kultura reliġjuża tgħin biex inwasslu l-messaġġ** – Fl-1913 Dun Martin beda l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fin-Nadur.

ix. **L-isfidi nibdluhom f'opportunitajiet** – Il-miżerja u l-għaks ta' zmienu kienu opportunità għal Dun Martin biex jagħmel xi ħaġa. Il-pandemija li ħasdet il-ħajjiet ta' Nadurin, inkluż saċerdot żagħżugħ li ġie assistit mill-istess arċipriet Martin. Forsi kienet l-influwenza Spanjola, li marad biha hu, li dgħajfitlu l-fibra fiżika tiegħu. Imma baqa' jittama sal-aħħar. Sakemm miet u beda jgħix bid-dehra, fejn nittamaw li qed igawdi lill-Mulej għal dak li ta, ħajtu kollha, għall-ġid tal-erwieħ.

**Dawn ir-riflessjonijiet kienu spunti mill-Prietka li għamel l-Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur nhar it-8 ta' Settembru, 2021 waqt konċelebrazzjoni li saret f'Għeluq il-Mitt Sena Mill-Mewt tal-Arċipriet Martin Camilleri, li serva bħala Arċipriet tan-Nadur bejn l-1910 sal-1921, meta miet.**

# MIXJA FIL-PJAN PASTORALI
## "X`intom tgħidu?" 2021-2022

**Maria Xuereb,** Segretarja tal-Pjan Pastorali,
għall-parroċċa tan-Nadur.

Fil-ħajja huwa importanti li wieħed jippjana minn qabel, speċjalment jekk tkun xi ħaġa ta` importanza kbira għal dak li jkun. Il-Knisja f`Għawdex ukoll ħasset il-bżonn li għandha tifforma pjan fil-mixja tal-fidi tagħha. L-Isqof tagħna Anton Teuma ħabbar dan il-Pjan Pastorali propjament fil-Velja Djoċesana lejliet il-festa ta' Pentekoste li saret ġewwa x-Xewkija nhar it-22 ta' Mejju 2021.

X'inhu l-Pjan Pastorali? Huwa l-pjan għad-direzzjoni li għandha tieħu l-Knisja. Huwa opportunità sabiex aħna bħala Knisja nirriflettu ftit fejn qegħdin fil-preżent. Dan ser ikun ta` għodda biex flimkien mal-Isqof insibu mezzi biex il-Knisja tkun verament waħda li tindirizza l-ħtiġijiet tal-lum.

### LOGO PJAN PASTORALI




It-tema li ntgħażlet għas-sena 2021-2022 hija bbażata fuq il-mistoqsija li għamel Ġesù liż-żewġ dixxipli ta` Emmaus li kienu mexjin mimlijin biża` u ħsibijiet – "X intom tgħidu?" (Lq 24,17). Din id-domanda Ġesù qed jagħmilha lilna lkoll. Jixtieq ikun jaf aħna x`naħsbu, x`għandna f`qalbna u x`nixtieqU.

F`Mejju li għadda spjegawlna l-pjan kif inhu mqassam u x-xogħol li se jitwettaq fuq livell Djoċesan kif ukoll kif dan irid ikun applikat fil-parroċċi. Qegħdin madwar 25 persuna involuti fis-segreteriji tal-parroċċi. Niltaqgħu ta` kull xahar f`dar Manresa fejn jispjegawlna l-pass li jmiss biex flimkien inkunu nistgħu nkomplu din l-mixja fil-Pjan Pastorali. Il-Pjan Pastorali 2021-2022 huwa mqassam f'ħames fażijiet:

### Tnedija

1- **Żmien ta` Talb - Ottubru - Novembru 2021**
2- **Żmien ta` Tħabbira - Diċembru (Avvent) 2021**
3- **Eżami tal-Kuxjenza - Jannar - Frar 2022**
4- **Talba ta' Maħfra - Marzu - April (Randan) 2022**
5- **Żmien ta' Ċelebrazzjoni - April - Mejju (Żmien il-Għid) 2022**
**Għeluq u Tnedija Pjan Pastorali 2022-2023 (Velja Pentekoste)**

Fil-fażi ta` tnedija ridna niġbru tagħrif dwar il-gruppi u l-għaqdiet li għandna fil-parroċċa, li tinkludi informazzjoni bħal kemm hemm membri, meta jiltaqgħu eċċ. Din l-informazzjoni ser tkun ta` għodda għalina biex inkunu nistgħu nużawha iktar 'l quddiem f`dan l-istess pjan. Fin-Nadur għandna madwar 70 grupp/għaqda. Dawn wara inqasmu fi tliet kategoriji – Liturġija, Kelma u Servizz, skont il-funzjoni tal-grupp.

Fl-Assemblea Parrokkjali li saret fit-23 ta' Awwissu 2021 stedinna lil dawn il-gruppi b`rappreżentanza mill-grupp tagħhom. Din id-darba, fuq talba tal-Isqof stess, hu kien preżenti flimkien ma` Fr Daniel Sultana u wara li nqrat is-silta mill-Evanġelju ta' San Luqa minn fejn ittieħdet it-tema tas-sena pastorali, kulħadd ġie mħeġġeġ jagħti s-sehem tiegħu biex nagħmlu pass 'l quddiem fil-komunità.

### WAQT L-ASSEMBLEA



Fiż-żmien ta` tnedija sar ukoll survey imħejji mid-Djoċesi. Dan kien jittratta fuq feedback li ngħabar dwar diversi aspetti bħal kif wieħed ikun jaf bl-avviżi tal-parroċċa, kif jippreferi li jipparteċipa fil-quddies u kien hemm ukoll l-opportunità li wieħed jagħti l-opinjonijiet tiegħu. Min-Nadur ġbarna informazzjoni mingħand 49 persuna li jirrappreżentaw kategoriji diversi ta` nies. Fis-7 ta' Lulju 2021, l Isqof ltaqa` wkoll mal-presbiterju tan-Nadur u anke talbu flimkien għas-suċċess ta` dan il-Pjan.

Bdejna l-fażi ta` żmien it-talb u tal-bidu tal-Pjan Pastorali billi fit-3 ta` Ottubru 2021 saret velja Marjana. Din kienet iggwidata mid-Djoċesi biex kull parroċċa jkolla l-istess materjal. Din il-velja kienet tinkludi r-reċita tar-Rużarju. Ħadu sehem rappreżentanti ta` 5 gruppi mill-Parroċċa

– MUSEUM Subien, MUSEUM Bniet, Leġjun ta' Marija, Azzjoni Kattolika u l-Komunità Ewkaristika.

## VELJA MARJANA



Fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju – fis-7 ta` Ottubru 2021, ħmistax-il parroċċa ngħaqdu flimkien f'xandira diretta online u kull parroċċa ħejjiet posta tar-Rużarju. In-Nadur ġie irrappreżentat minn żewġ adolexxenti li jattendu n-Nadur Teen Youth Centre. Kien mument sabiħ ħafna u stajna napprezzaw għaqda sabiħa li kien hemm f`dan il-mument ta' talb u spiritwalità.

## IR-RUŻARJU DJOĊESAN



Għalaqna x-xahar ta` Ottubru b`velja oħra. Din id-darba saret f`lejliet il-festa tal-Qaddisin kollha. Bħal fil-velja ta` qabel konna ggwidati minn materjal provdut mid-Djoċesi billi ntgħażlu 4 qaddisin komuni u kull parroċċa żiedet magħhom il-patrun/i tar-raħal. Il-qaddisin li ntgħażlu min-naħa tad-Djoċesi kienu: Madre Tereża, Dun Ġorġ Preca, Carlo Acutis flimkien ma' Luigi u Maria Beltrame Quattrocchi. Din id-darba wkoll ħadu sehem membri u rappreżentanti ta' 5 gruppi oħra mill-parroċċa. Dawn ipparteċipaw kemm fil-qari u anke saret preżentazzjoni ta` ward u xemgħa lil kull qaddis. Il-gruppi Nadurin li ħadu sehem kienu: Banda Mnarja, Għaqda tan-Nar, membri attivi fil-Kappella Madre Tereża (fi ħdan iċ-ċimiterju Ta' Kenuna), membri attivi fil-Kappella taċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina u membri oħra fil-Kumitat Festi Esterni.

## VELJA LEJLIET IL-FESTA TAL-QADDISIN KOLLHA



Kif qegħdin taraw parti mil-ħsieb tal-Pjan Pastorali hu li ningħaqdu f`dawn il-mumenti ta` talb, kemm bħala parroċċa u kemm bħala Djoċesi. Matul dan iż-żmien ta' talb qiegħed isir quddies fid-djar tal-anzjani u l-morda f'kull parroċċa. Bil-għajnuna tas-saċerdoti u l-Ministri tal-Ewkaristija dan beda jsir u qed jintlaqa` tajjeb ħafna. Nieħu din l-opportunità ħalli nħeġġeġ lil dawk li jixtiequ li ssirilhom din il-quddiesa biex ikellmu lis-saċerdot/ministru tal-Ewkaristija li jqarbinhom.

F`dan iż-żmien tqassmet ukoll it-talba tas-Sena Pastorali. Din tqassmet lil kull familja permezz tad-distributuri tal-Bullettin.Tqassam talb ieħor għat-tfal u anke oħrajn li jintużaw fil-quddiesa u l-Barka Sagramentali, biex flimkien inkomplu nitolbu għall-ġid ta` dan il-Pjan Pastorali. Inħeġġukom biex din it-talba tingħad mhux biss fil-knisja iżda fi ħdan il-familji tagħna u fil-gruppi u l-għaqdiet.

Is-sehem tal-gruppi u l-għaqdiet f`dawn l-attivitajiet huwa xhieda li, għalkemm kull grupp u għaqda għandu xogħol u responsabbiltà differenti, f`dawn il-mumenti ningħaqdu f`talba waħda. L-għan hu li kulħadd ikun ipparteċipa b'mod attiv. Dawk il-gruppi/għaqdiet li s`issa għadhom ma pparteċipawx ser jiġu kkuntattjati aktar 'l quddiem matul din il-mixja pastorali.

Nirringrazzjaw lil kull wieħed u waħda minnkom li zġur b'xi mod jew ieħor qegħdin tgħinuna biex inkomplu f`din il-mixja pastorali flimkien. Inħeġġukom biex tkomplu tieħdu sehem f`attivitajiet oħrajn li ser ikollna fil-fażijiet li jmiss u komplu ħeġġu oħrajn biex jingħaqdu magħna huma wkoll. Komplu segwu l-avviżi li jsiru fil-Bullettin, fil-knisja u fil-mezzi soċjali biex tkunu tistgħu tipparteċipaw b'mod attiv f`din il-mixja pastorali.

Ejjew ilkoll ma nħallux li Gesù jistaqsina "X intom Tgħidu?" u ma nagħtuHx risposta.

# ĠANNI TAS-SANITÀ

DR MARIO SALIBA

Fit-13 ta' Jannar 1920 ċertu Giovanni Portelli li kien joqgħod 49, Triq Xandriku, in-Nadur, kien imsejjaħ l-uffiċċju tas-Sanità f'Malta biex jagħmel l-eżami mediku peress li kien ġie l-ewwel f'eżami li kien sar għal spetturi sanitarji tal-ewwel klassi. Ġanni oriġinarjament kien impjegat bħala assistent għalliem fin-Nadur sa mis-sena 1910. Huwa dam għalliem għal tmien snin u wara beda jaħdem bħala spettur sanitarju fid-distrett tan-Nadur. Wara ftit, minkejja li kien għadu żgħir, għadda għal eżami biex ikun spettur sanitarju tal-ewwel klassi. Il-post ta' spettur sanitarju tal-ewwel klassi, li hu l-għola grad fil-kariga, normalment kien ikun okkupat minn Malti li wara sentejn jaħdem f'Għawdex kien ikun mibdul ma' ieħor Malti. Minkejja dan kollu Giovanni Portelli li kien bravu u jagħmel ix-xogħol tiegħu b'reqqa baqa' ma ngħatax il-post. It-Tabib tas-Sanità kien qabel mat-talba ta' Ġanni Portelli u saħansitra kien kiteb lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, Dr A. Critien biex jilqa' t-talba ta' Portelli u semma' diversi raġunijiet għax għandu jingħata l-post, fosthom li:

1. meta jintgħażel Malti bħala Spettur tal-ewwel klassi għal Għawdex il-gvern kien jagħti allowance biex din il-persuna tgħix Għawdex;
2. Portelli kien lest imur Liverpool biex jitħarreġ u jakkwista t-taħriġ meħtieġ;
3. Portelli huwa ħaddiem bieżel u li jista' jagħmel ix-xogħol ta' Spettur Sanitarju Ewlieni bl-iktar effiċjenza.

Minkejja din it-talba, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern kiteb lura lit-Tabib tas-Sanità ta' Għawdex u infurmah li peress li oriġinarjament Ġanni Portelli kien irrifjuta li jmur jitħarreġ Liverpool, huwa tilef il-post u għalhekk floku kien sejjer spettur sanitarju ieħor, ċertu Joseph Curmi minn Ħaż-Żabbar. Ir-raġuni għaliex Ġanni Portelli rrifjuta li jmur Liverpool mhix imniżżla fil-korrispondenza. Jista' jkun il-każ li kellu familja numeruża u ma' riedx ikun 'l bogħod minnha. Il-proċedura kienet li biex tilħaq il-grad ta' spettur sanitarju tal-ewwel klassi trid tagħmel kors barra minn Malta, f'dan il-każ fl-Iskola tas-Saħħa Pubblika f'Liverpool, l-Ingilterra.



Ġanni Portelli tas-Sanità

Ġanni Portelli kien imwieled ix-Xagħra fl-1894 u kien miżżewweġ lil Maria Camilleri, qariba tal-Arċipriet il-Kan. Martin Camilleri u l-Kan. Antonio Camilleri. Huma kellhom 12-il wild fosthom l-Arċipriet Mikiel Portelli (1951-1982), il-Kanonku Dun Martin Portelli, *Maestro di Cappella*, u Pawlu li laħaq tabib. L-ewwel xogħol tiegħu meta laħaq tabib fl-1949 kien bħala assistent ta' Dr Vincent Tabone li kien inkarigat bil-kura tal-marda tat-trakoma f'Għawdex. Wara xi żmien Pawlu żżewweġ u mar joqgħod Ħad-Dingli fejn kellu prattika ta' Tabib tal-Familja tajba ħafna.

Minkejja li Ġanni Portelli kien jagħmel ix-xogħol tiegħu bi preċiżjoni u reqqa huwa reġa' kien baqa' mċaħħad mill-promozzjoni anke għal spettur tat-tieni klassi, għax skont is-CGMO ma kienx kemm vakanza għal spettur tat-tieni klassi. Il-vakanza tinħoloq meta xi spettur tat-tieni klassi jirtira bil-pensjoni u mbagħad xorta waħda jrid ikun hemm konkors fost dawk li japplikaw u mhux bilfors il-promozzjoni jeħodha hu. Ġanni Portelli baqa' għal snin twal jitħabat biex jieħu l-promozzjoni ta' spettur sanitarju tal-ewwel klassi biex ikun responsabbli mill-ispetturi sanitarji ta' Għawdex. Kull meta kienet tinħoloq vakanza ta' spettur sanitarju tal-ewwel klassi, Ġanni Portelli kien jagħmel talba biex ikun ikkunsidrat għal din il-kariga. Hekk baqa' jagħmel għal numru ta' snin u l-promozzjoni għal Senior Sanitary Inspector fl-aħħar waslet fil-5 ta' Marzu 1945 u l-paga tas-Sur Portelli telgħet minn £250 għal £300 fis-sena. Issa Ġanni Portelli kien responsabbli mill-ispetturi sanitarji ta' Għawdex. Huwa kien intitolat biex juża taxi biex twasslu r-Rabat u lura lejn in-Nadur peress li dak iż-żmien ma kienx hemm servizz adegwat tal-linja għajr venda waħda li kienet titlaq min-Nadur lejn ir-Rabat fis-sebgħa ta' filgħodu u tirritorna lejn in-Nadur fil-għaxra. Ġanni kien jingħata kumpens ta' 1s għal kull mil li jivvjaġġa, iżda tal-ewwel mil ma kienx jitħallas.

Ġanni kien spettur sanitarju li ma kienx iħares lejn uċuħ fix-xogħol tiegħu u mhux l-ewwel darba li kien ħa passi bil-Qorti kontra xi persuni li setgħu għamlu ħsara lis-saħħa pubblika. Wieħed minn dawn il-każi kien jinvolvi negozjant minn Għajnsielem li kellu d-dqiq mhux tajjeb għal konsum tan-nies u għalhekk kien hemm każ il-Qorti dwar dan li dam għaddej numru ta' xhur. Ġanni Portelli jissemma wkoll meta huwa rrifjuta talba li negozjant min-Nadur biex ibigħ il-ħalib. Ir-raġuni li Portelli ta kienet li dan in-negozjant kellu tifel li kien marid bil-marda infettiva tat-tuberkolożi



kif kien iċċertifikat mit-tabib tad-distrett. It-Tabib tas-Sanità qabel ma’ din id-deċiżjoni u ordna lit-tabib distrettwali biex iwaqqaf lit-tifel milli jattendi l-iskola tan-Nadur billi jinforma lill-kap tal-iskola b’din id-deċiżjoni.

Ġanni, bħala spettur sanitarju, investiga ħafna każijiet ta’ mard infettiv u kien jagħmel rapporti dettaljati u mhux l-ewwel darba li kien imfaħħar mit-tabib tas-sanità. Darba minnhom fl-1939 Ġanni Portelli ħabbat wiċċu ma’ każ daqsxejn stramb. Ġara li kien hemm każ ta’ deni irqiq f’Għajnsielem. Il-proċedura kienet li l-ħwejjeġ u l-lożor tal-marid jittieħdu l-isptar tal-mard li jittieħed biex ikunu diżinfettati. Minkejja li kien spjegat lilhom li ma kienx hemmx minn xhiex jinkwetaw għax il-ħwejjeġ kienu ddiżinfettati u għalhekk ma kienx hemm periklu iktar, il-familja konċernata rrifjutat li tieħu l-ħwejjeġ lura għax allegat li l-ħwejjeġ tagħhom tpoġġew ma’ ħwejjeġ oħra ta’ persuna li kellha t-tuberkolożi. Ġanni solva l-problema billi reġa’ bagħat il-ħwejjeġ għad-diżinfezzjoni u wara ftit persważjoni l-familja aċċettaw il-ħwejjeġ lura. Każ ieħor pjuttost serju li investiga kien f’Marzu 1940 meta numru kbir ta’ morda (106 b’kollox) u żewġ infermiera fl-Isptar Mentali ta’ Chambray kienu affettwati minn irritazzjoni tal-gastroenterite. Ġanni, bħala l-ispettur sanitarju ewlieni, kien involut fl-investigazzjoni flimkien mat-tabib tas-Sanita` Dr J. Micallef. Huma sabu li l-kawża kien ħalib li kien ikkontaminat u li probabbilment ma kienx imgħolli tajjeb. Bħala spettur sanitarju Ġanni kellu ħafna każijiet f’idejh, xi każijiet kienu jirrigwardjaw liġijiet tal-bini u dak iż-żmien qabel tibni ridt tibgħat il-pjanti s-sanita` biex ikunu approvati. Mhux l-ewwel darba li Ġanni kien ikun imdaħħal fi kwistjonijiet fejn tidħol ventilazzjoni ta’ kmamar, umdità kawżata minn bini mhux skont il-liġi, nuqqas ta’ faċilitajiet sanitarji bħal WCs, sistemi tad-drenaġġ, u tħaffir ta’ bjar biex jilqa’ l-ilma tax-xita. Dak iż-żmien kien hemm liġi li kull dar ġdida kellu jkollha bir.

Fit-Tieni Gwerra Dinjija Ġanni għamel kampanja kontra l-ġrieden għax dawn kienu jmexxu l-pesta u kien ħoloq sessjoni biex ikun hemm nies li xogħlhom kien biex jaqbdu l-ġrieden. Ġanni kien responsabbli li jara li l-vapuri li kienu jaħdmu bejn Għawdex u Malta ma’ kinux qegħdin iġorru ġrieden li jistgħu jġibu l-pesta u kien jara li dawn ikunu mnaddfa u diżinfettati sewwa. Barra milli kien jagħmel superviżjoni fuq ix-xogħol ta’ Spetturi Sanitarji li kienu ta’ gradi iktar baxxi, kien jieħu kampjuni tal-ilma mill-Imġarr, Imġarr ix-Xini, Marsalforn u Santa Luċija biex ikunu analizzati f’Malta fil-laboratorju tad-Dipartiment ta-Saħħa fil-Belt u xi xogħlijiet u responsabbiltajiet oħra li Ġanni ma kienx jiddejjaq jidħol għalihom.

Ġanni baqa’ jokkupa din il-kariga sa kemm miet fil-14 ta’ Diċembru 1948, fl-età ta’ 54 sena.


# Andria
## Cafetteria & Bar

Pjazza
San Pietru
u
San Pawl,
Nadur.




## MEMORJA KOLLETTIVA – PARTI IV
## IL-MIRAKLU

**Jisimha Coronata u kburija b'isimha. U bir-raġun.**

Kienu familja ta' ħdax-il wild. Coronata kienet l-għaxar waħda. Kellha seba' snin. Sena qabel kienet għamlet il-preċett u r-ritratt tal-preċett ifakkar din il-ġurnata sabiħa. Barra dan ir-ritratt il-ġenituri tagħha kienu ħadu ritratt flimkien u dan ir-ritratt għandu valur imprezzabbli għax sena wara mietet l-omm. U t-tfal sfaw iltiema.

Bdew jieħdu ħsieb it-trobbija tagħhom iz-zijiet – Ġanna li kienet xebba u Peppa li kienet miżżewġa 'mma żewġha kien jaħdem fuq il-vapuri u għal żmien twil kien ikun 'l bogħod mid-dar. Kien żmien il-gwerra. Ir-raġel ta' Peppa ma kienx jaħdem ma' kumpanija Ingliża u għalhekk ma kienx jista' jibgħat ittri. Għal seba' snin sħaħ ma semgħetx aħbaru. Peppa kienet oħt ommha. Kienet il-kbira u flimkien ma' Ġanna ħadet ir-responsabbiltà ta' dawn it-tfal li tilfu l-ommhom. Wieħed mill-ulied siefer.

Meta kellha seba' snin Coronata mardet. Qabadha d-deni rqiq u kienet magħdura ħafna. Xagħrha waqgħalha, għajnejha kienu biż-żlieġa u ħasbuha mejta. Kienet tħossha qisha daħlet f'dinja oħra fejn kien hemm ħafna nies. It-tabib tal-familja, li kien ukoll it-tabib ta' Chambray, qata' qalbu minnha u qalilhom biex jaħsbulha għal kefen.

Kienet qed toqrob il-festa ta' San Koronatu u z-zija Ġanna qalet lit-tifla biex tagħmel wegħda lil dan il-qaddis ħalli jfejjaqha. Qaltilha biex twiegħdu li tagħtih il-par imsielet forma ta' flixkun li kellha f'widnejha. Coronata talbithom iġibulha l-inkwatru ta' San Koronatu. Ġabuh u poġġewh ħdejn rasha. Talbitu bil-ħerqa. U ħaġa tal-għaġeb, dritt bdiet ġejja għall-aħjar. L-għada ġie t-tabib jaraha u Ġanna, kif laqgħetu fil-bieb, qaltlu li t-tifla talbitha biex tiekol. It-tabib ma stagħġibx bi ftit, għax hu kien stenna li se jsibha mejta.

Coronata tirrakkonta li ħdejhom kienet togħqod mara fqira u kif, malli qalbet għall-aħjar, kienet qalet lil niesha biex jagħtu ħobża lil dik il-ġara fqira li kienu jsibuha bħala l-Għammieża.

Tul ħajjitha Coronata baqgħet tgħożż ħafna dan ir-rakkont ta' fejqan li hija tqisu bħala mirakoluż. Baqgħet tiftakar kull dettall u temozjona ruħha kull xħin tirrakkontah anke jekk dan seħħ tmenin sena ilu. Din il-mara għexet b'din il-ġrajja f'qalbha li mlietha b'imħabba kbira lejn il-qaddis San Koronatu li salvalha ħajjitha meta kienet għadha ta' età hekk tenera.



# L-GĦARQA TAL-S.S. ASHBURY

**Kitba ta' Kenneth Grima** **(L-Ewwel Parti)**

Is-sena 2020, apparti li fiha kkommemorajna il-75 sena mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, ħabtet ukoll il-75 anniversarju mill-għarqa tal-vapur tal-istim Ingliż **Ashbury**. Dan għereq sewwasew fit-8 ta' Jannar 1945 fil-bokka ta' Talmine Bay, 'il barra mill-kosta fin-naħa ta' fuq tal-Iskozja. Kif naraw mid-data, l-għarqa seħħet fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, iżda din ma kinitx b'kawża tal-għadu. Fil-fatt kienet l-agħar traġedja tal-*British Merchant Navy* fit-Tieni Gwerra mingħajr l-involviment tal-għadu![1] Imma dan kollu x'sinifikat għandu għan-Nadur? Ħafna għandu! Dan għaliex fl-għarqa tal-**Ashbury** in-Nadur waħdu tilef erbgħa minn niesu!

## Il-Vapur

Il-vapur tal-istim **Ashbury** inbena fl-1924 ġewwa West Hartlepool, l-Ingilterra mill-kumpanija *William Gray & Co. Ltd* taħt l-isem ta' 'Nitedal' għal sidien Norveġiżi. Maż-żmien dan inxtara mill-kumpanija *Macbeth, Blackwood and Laurie* ta' Glasgow u l-aħħar sidt kienet il-kumpanija *Alexander Shipping Company Ltd.* ta' Londra. Il-vapur kellu tul ta' 356 pied u nofs (108.7 metri) u wisa' ta' 50 pied (15.2 metri). It-tunnellaġġ Gross tal-vapur kien dak ta' 3901 tunnellata u kellu erba' stivi għall-merkanzija. Il-port ta' reġistrazzjoni tal-**Ashbury** kien Glasgow[2]. Interessanti illi l-*Alexander Shipping Company* kellha vapur ieħor li kellu rabta traġika man-Nadur. Dan kien l-**S.S. Newbury**, li ġie mgħarraq fil-15 ta' Settembru 1941 b'*torpedo* mis-sottomarin Ġermaniż *U94* u li miegħu tilfu ħajjithom sitt Nadurin![3]



Il-vapur S.S. Ashbury fl-1936.
Sors: https://www.peoplescollection.wales/items/604859
(non-commercial use only)

## L-Ekwipaġġ

L-**S.S. Ashbury** kien taħt il-kmand tal-Kaptan David Morris, kaptan ta' 59 sena minn Treorchy, belt f'Wales. l-vapur kellu ekwipaġġ ta' 42 – il-Kaptan u tliet Uffiċjali tal-Gverta, *Chief Engineer* u tliet Uffiċjali tal-Magna, tliet Uffiċjali tar-Radju, Stromu u tnax-il baħri, *Donkeyman* u ħdax-il *Greaser* u *Fireman and Trimmer*, li dawn kienu kollha Maltin u Għawdxin, u *Chief Steward* u ħames kokijiet u *stewards* fid-dipartiment tal-*catering*[4].

Kulħadd jaf kemm it-tpinġija jew tattooing fiż-żminijiet l-imgħoddija kienet assoċjata man-nies tal-baħar – mid-dokumenti tal-identifikazzjoni ta' dan l-ekwipaġġ jidher li sebgħa minnhom kellhom xi tip ta' tpinġija. Il-Kaptan Morris kellu ankra fuq idu x-xellugija. Tpinġija ta' ankra tradizzjonalment kienet tkun fuq l-id ix-xellugija u din kienet issir sabiex l-individwu juri li kien jaħdem fuq il-baħar jew li qasam l-Oċean Atlantiku.

Kif diġà semmejt, fuq dan il-vapur kienu jaħdmu tnax-il Malti u Għawdxi. Id-*Donkeyman* kien ċertu Calcedonio Portelli, ta' 47 sena mill-Qrendi. Ir-rank ta' *Donkeyman* (livell ta' *Chief Petty Officer*) kien li jmexxi l-*Greasers* u l-*Firemen* fid-dipartiment tal-magna – huwa kien bħalma jkun l-iStromu jew *Bosun* fid-dipartiment tal-gverta. Ix-xogħol ta' *Fireman and Trimmer* kien li jġib il-faħam mill-istiva u jimpalah fil-*boilers* kbar tal-vapur sabiex jinħaraq – xogħol xejn faċli. Il-bqija tal-Maltin kienu minn tas-Sliema, Raħal Ġdid, Bormla, Pietà u minn irħula oħra[4]. L-Għawdxin kienu kollha min-Nadur. Min kienu?

**Franġisku Muscat Ta' Ċulu** – twieled fit-23 ta' Marzu 1918, iben Anġlu u Marija imwielda Portelli. Huwa kien imrobbi f'numru 29, Triq Wied ir-Riħan. Fl-20 ta' Lulju tal-



Franġisku Muscat
Ritratt: Dun Duminku Camilleri

1937 tefa' l-applikazzjoni għall-passaport sabiex ikun jista' jsiefer l-Ingilterra u jibda jaħdem fuq il-baħar ma' vapuri tal-istim Ingliżi[5]. Hekk nistgħu ngħidu li Franġisk kien ilu madwar seba' snin jaħdem abbord qabel il-ġrajja tal-**Ashbury**. Hu kien fir-rank ta' *Fireman and Trimmer* u kellu paga ta' erbatax-il lira u nofs fix-xahar. L-indirizz tiegħu ġewwa Cardiff kien numru 202, Bute Street, sewwasew il-*Boarding-House* ta' Anġlu Camilleri **l-Peffu**, min-Nadur ukoll. In-numru tal-Ktieb tal-Baħar tiegħu kien R173601 u kien ilu mbarkat mal-**Ashbury** qabel it-2 ta' Ottubru 1944 mill-port ta' Middlesbrough[4].



Koronatu Grima
Ritratt: MFA01 14990-1935

**Koronatu Grima Tal-Parsotta** – twieled fis-7 ta' Novembru 1913, iben Karmenu u Roża nèe Muscat u li kien miżżewweġ lil Irene kunjomha xebba Brian, Ingliża. Huma kienu joqogħdu f'numru 23, Telford Avenue, Riverside, Cardiff. Abbord l-**Ashbury** Koronatu kien *Fireman and Trimmer* u n-numru tiegħu kien R133864[4]. Meta applika għall-passaport tiegħu fl-1935, Kurun, ta' 21 sena, kien diġà jaħdem fuq il-baħar peress li hawn insibu li xogħlu kien '*seaman*'. Id-destinazzjoni tiegħu niżżilha l-Ingilterra '*searching employment*'[6]. Kurun kellu aktar minn għaxar snin esperjenza fuq il-baħar qabel ma sab ix-xogħol abbord l-**Ashbury**. U bħal Franġisku, Kurun kien ilu fuq il-vapur minn qabel it-2 ta' Ottubru 1944.

Ġużepp **Vella Tal-Bekkis** – twieled fl-14 ta' Diċembru tal-1890, iben Mikieli u Karmela u kien miżżewweġ lil Katerina. Xogħlu abbord kien ta' *Fireman and Trimmer*, fid-dipartiment tal-magna u l-paga kienet ta' erbatax-



Ġużepp Vella fl-1920 ta' 29 sena.
Ritratt: NAM, MFA01 5334/1920.

il lira u nofs fix-xahar bħal sħabu n-Nadurin[4]. Fuq l-applikazzjoni tal-passaport tiegħu fl-1920, ta' 29 sena, diġà nsibuh imniżżel bħala '*seaman*'[7]. Għalkemm għandi din il-konferma mill-passaport tiegħu, jien ma nistax nikkonferma kienx diġà jimbarka fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija; mir-reġistru tal-Medalji tal-Ewwel Gwerra Dinjija fl-Arkivju Nazzjonali tal-Ingilterra ġewwa Kew ma sibtx data tat-twelid li taqbel eżatt ma tiegħu. Fis-sena 1920 l-applikazzjoni tal-passaport tiegħu turi li kien joqgħod f'numru 25, Triq it-Telegrafu[7]. Iżda fid-dokumenti tal-**Ashbury**, fl-1944, l-indirizz tiegħu tan-Nadur kien fil-Pjazzetta numru 45. Ġewwa Cardiff, huwa kien jogħqod fil-*Boarding-House* ta' Anġlu tal-**Peffu** f'202, Bute Street. Ġużepp ma mbarkax ma' sħabu f'Middlesbrough, huwa beda jaħdem abbord fit-12 ta' Ottubru 1944 mill-port ta' Milford Haven, għaxart ijiem wara sħabu. Dan għaliex abbord kien hemm *Fireman* ieħor, ċertu Anġlu Xuereb minn Triq l-Imġarr il-Qala, li ħassu ma jiflaħx u allura kellu jiġi żbarkat minn fuq l-**Ashbury**. B'hekk minfloku tela' Ġużepp. Huwa kien isiefer bin-nurmu tal-Ktieb tal-Baħar 855514. Interessanti wkoll li Ġużepp kellu mpinġi salib fuq idu x-xellugija[4]. Mat-tpinġija li normalment kienu jagħmlu n-nies tal-baħar ta' dari, il-baħri Malti, tradizzjonalment reliġjuż, kien jinkludi wkoll diversi xbihat marbuta mar-reliġjon.



Karmenu Cassar
Ritratt: Dun Duminku Camilleri

**Karmenu Cassar Ta' Brajġu** – twieled fl-10 ta' Ġunju 1918, iben Karmenu u Maria. Huwa kien miżżewweġ lil Myra u kienu joqogħdu f'numru 6, North Avenue, Maesycwmmer, villaġġ ġewwa Glamorgan, fin-nofsinhar ta' Wales[4]. Bħal sħabu huwa kien *Fireman and Trimmer*[4]. Ta' 18-il sena nħariġlu l-passaport[8] u hekk seta' jemigra l-Ingilterra u jibda jsiefer fuq il-baħar fil-*Merchant Navy*. In-numru tal-Ktieb tal-Baħar tiegħu kien R180329 u mbarka fuq l-**Ashbury** minn Middlesbrough fit-2 ta' Ottubru 1944.

## L-Aħħar Vjaġġ

L-aħħar vjaġġ tal-**Ashbury** beda fl-4 ta' Ottubru tal-1944, meta l-vapur siefer minn Middlesbrough ġewwa l-Ingilterra. Minn hemm il-vapur kien għabba 2000 tunnellata *metallurgical coke*[9]. *Metallurgical coke* huwa tip ta' materjal ipproċessat mill-faħam. Għandu lewn griż u l-użu tiegħu huwa l-aktar fil-produzzjoni tal-azzar.

Biex wasal Milford Haven il-vapur ipparteċipa fi tliet konvojs. Dawn kienu l-Konvoj FS.1595 bejn l-4 u s-6 ta' Ottubru[10], il-Konvoj ETC.121[11] bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru u fl-aħħar il-Konvoj FBC.106 mit-8 sal-10 ta' Ottubru[12]. Il-vapur daħal fil-port ta' Milford Haven ġo Wales u dam hemm sas-16 tax-xahar. Imbagħad fuq il-baħar l-**Ashbury** ngħaqad ma' konvoj kbir li oriġinarjament kien telaq minn Liverpool ġranet qabel. Dan kien il-Konvoj OS.92 u kien jikkonsisti f'44 vapur merkantili u tmien vapuri navali bħala skorta[13]. Fil-25 ta' Ottubru l-konvoj issepara fi tnejn u dak li baqa' sejjer miegħu l-**Ashbury** kien il-Konvoj KMS.66G – fih insibu 32 vapur merkantili u tliet vapuri navali[14].

Fis-26 ta' Ottubru l-**Ashbury** wasal Ġibiltà fejn għamel tlett ijiem. Fit-30 ta'Ottubru imbagħad il-vapur daħal Huelva fi Spanja fejn ħatt il-merkanzija ta' *coke* kollha. Fil-5 ta' Novembru 1944 il-vapur telaq minn Huelva u l-għada reġa' daħal Ġibiltà[9].

Hawnhekk sabu li l-vapur kellu xi ħsarat fil-*condenser*[9]. F'termini sempliċi kemm nista', il-*condenser* huwa dak il-komponent mill-magna li jarmi s-sħana żejda u b'hekk it-temperatura ma togħliex iktar milli hemm bżonn (il-*condenser* huwa *heat exchanger*). Ġo fih dan ikollu ħafna tubi rqaq minn fejn jgħaddi l-ilma. Il-ħsarat li żviluppaw lill-**Ashbury** irriżultaw li dawn it-tubi ta' ġewwa tal-*condenser* iridu jerġgħu jsiru mill-ġdid. Minħabba din il-problema, il-vapur ma setax juża' ħafna mis-saħħa tal-magna, peress li l-*condenser* ma jlaħħaqx mad-domanda.

Għalkemm kellu din il-problema l-**Ashbury** irċieva l-ordni sabiex minn Ġibiltà jmur Melilla jgħabbi t-trab tal-ħadid[15] – *iron ore*. Telaq minn Ġibiltà fis-26 ta' Novembru 1944 u wasal Melilla l-għada fis-27. Melilla hija belt Spanjola li qiegħda mal-kosta tal-Marokk fil-Mediterran, belt Spanjola kompletament maqtgħuha minn Spanja. Għamel ġurnata jgħabbi u l-vapur reġa' siefer lejn Gibiltà fejn dam fil-port mit-28 ta' Novembru sas-7 ta' Diċembru 1944[9].

Wara li telaq minn Ġibiltà l-vapur għamel tnax-il ġurnata baħar sakemm wasal Workington, port Ingliż. F'dan il-vjaġġ l-**Ashbury** ifforma parti mill-Konvoj XK.20, konvoj ta' għaxar vapuri merkantili[16]. F'Workington il-merkanzija ta' trab tal-ħadid inħattet kollha u fl-aħħar ta' Diċembru 1944 il-vapur telaq bis-saborra (*water ballast*) dirett għal Newcastle fix-xmara Tyne, sabiex isewwi l-ħsarat li kellu fil-*condenser*[9].

Iżda dan il-vjaġġ lejn Newcastle ma mar xejn kif mistenni. Fil-ħarġa li jmiss naraw eżatt x'ġara u minn xiex kellhom jgħaddu dawn l-erba' Nadurin flimkien mal-bqija tal-ekwipaġġ tal-**S.S. Ashbury**.

---

1.https://www.bbc.co.uk/history/ww2peopleswar/stories/59/a2639559.shtml#:~:text=On%20the%208th%20of%20January,not%20caused%20by%20enemy%20action.
2. http://www.teesbuiltships.co.uk/view.php?year_built=&builder=&ref=167779&vessel=NITEDAL
3. https://uboat.net/allies/merchants/1107.html
4. TNA (The National Archives, UK), BT381/3409, Official Number 148865 S.S. Ashbury
5. NAM (National Archives of Malta), MFA01, 20794/1937
6. NAM, MFA01, 14990/1935
7. NAM, MFA01, 5334/1920
8. NAM, MFA01, 20894/1937
9. TNA, BT389/2/126
10.http://www.convoyweb.org.uk/fs/index.html?fs.php?convoy=1595!~fsmain
11.http://www.convoyweb.org.uk/etc/index.html?etc.php?convoy=121!~etcmain
12.http://www.convoyweb.org.uk/fbc/index.html?fbc.php?convoy=106!~fbcmain
13.http://www.convoyweb.org.uk/os/index.html?os.php?convoy=92KM!~osmain
14.http://www.convoyweb.org.uk/kms/index.html?kms.php?convoy=66G!~kmsmain
15.Il-frażi "trab tal-ħadid" hija dik il-frażi li kienu jużaw il-baħrin antiki biex jirreferu għal "iron ore". Din smajtha kemm-il darba mingħand in-nannu tiegħi Wiġi Grima kif ukoll mingħand baħrin oħra tal-istess żmien.
16.http://www.convoyweb.org.uk/misc/index.html?yy.php?convoy=XK.20!~miscmain

Dr Coronato Grech MD

# Xi logħob ta' dari tat-tfal u x-xjenza ta' warajh Il-Muftieħ u l-Wadaf

(Is-sitt' parti)

## Muftieħ

Jew aħjar sparatura b'muftieħ. Għal din il-"logħba" trid muftieħ, musmar, spaga u ftit irjus tas-sulfarini.

Il-muftieħ irid ikun minn dak kbir li kien jagħlaq il-bieb tat-triq, ta' għorfa, jew remissa. U jrid ikun ukoll vojt fil-parti ta' ġewwa fejn jiftaħ. Ġo dan il-vojt it-tifel[1] kien ipoġġi xi ftit irjus tas-sulfarini. Imbagħad, bi spaga twila mdaqqsa, kien jintrabat il-muftieh in-naħa tat-tondjatura quddiem, u n-naħa l-oħra ma' ras il-musmar. Il-ħxuna tal-musmar trid tkun ftit inqas mit-toqba tal-muftieħ. Il-musmar issa jiddaħħal ġol-muftieħ sa ma jmiss mal-irjus tas-sulfarini. Il-muftieħ miżmum fuq livell orizzontali mdendel mill-id bi spaga, issa lest. Biex issir l-isparatura, il-musmar irid jissabbat bis-saħħa ma ħajt lixx (franka jew aħjar tas-sekonda) min-naħa ta' ras il-musmar. Jekk id-daqqa tkun tajba jaf ikun hemm sparatura qawwijja li tagħti qatgħa lil xi ħadd fil-qrib.... bħal xi mara xiħa taħdem il-bizzilla bi kwieta, mingħajr ma tittendi b'dawn iċ-ċerimonji kollha madwarha!

*Xjenza.* X'ikun jiġri f'dan kollu?[2] Malli l-irjus tas-sulfarini ġol-muftieħ jintrassu f'daqqa, dawn jisħnu, tant li l-kimiċi li fihom jieħdu n-nar u jipproduċu ħafna gass sħun li jrid jespandi. L-unika direzzjoni li jespandi imma hija li jitfa' l-musmar 'l barra, jimbotta l-arja u jagħmel dawk il-ħsejjes.

X'fihom l-irjus tas-sulfarini? Il-kimiċi prinċipali huma klorat tal-potassju, (li huwa dak li prinċipalment jipproduċi gassijiet, inkluż l-ossiġnu tant importanti għall-ħruq), antimonju tas-sulfur, frak irqiq tal-kubrit, tal-faħam, u tal-ħġieġ (biex jobrox mal-ġenb kannella tal-kaxxa tas-sulfarini, u jagħmel s-sħana), u kolla. Normalment meta tħokk ras is-sulfarin mal-ġenb ħamrani tal-kaxxa, din tieħu n-nar mal-ewwel għax il-kaxxa hija miksija b'kimiċi, inkluż fosforu.

Il-fosforu mbagħad għandu storja interessanti. L-alkemista Ġermaniż Hennig Brandt (miet 1692) ħaseb, forsi minħabba l-kulur, li seta' jagħmel deheb mill-awrina.[3] Għalhekk għalla u ddistilla mijiet ta' glalen ta' awrina, li ġabhom minn reġiment ta' suldati li kienu fil-qrib. Wara dawk id-dħaħen u l-irwejjaħ kollha, spiċċa, mhux bid-deheb, imma b'materjal stramb bajdani li jagħti d-dawl. Huwa semmieh 'fosfru'[4]

1. Ma jidhirx li kienet xi biċċa xogħol tal-bniet.
2. Apparti milli tieħu qatgħa x-xiħa.
3. Kienet il-ħolma tal-alkemisti medjevali li jagħmlu d-deheb fil-laboratorju minn materjali komuni, kif ukoll li jsibu anke ċerta sustanza li tagħti ħajja eterna.
4. Mill-Grieg għal 'dak li jġorr id-dawl'. Hemm żewġ tipi ta' fosfru, dak bajdani li sab Hennig, u l-ieħor ħamrani li sabu, b'inqas skomdu, l-Awstrijak Anton von Sschrotter fil-1845. L-ewwel fosfru li ntuża, fir-ras tas-sulfarini, kien dak bajdani, imma nstab li huwa velenuż u jaqbad mal-inqas ħakka, b'effett umoristiku kif jidher f'xi films antiki. Kien meta nstab il-fosfru ħamrani, inqas velenuż, u għamluh separat fuq il-kaxxa, li ġew is-sulfarini tal-lum.

## Il-Wadaf

Jekk iċ-ċavetta u l-isparatura ma tantx kienet logħba, il-wadaf ċertament ma kienx, għalkemm kien popolari ħafna mas-subien ta' dari.[5]

Li kont trid għall-wadaf [6] kien biċċa zokk forma ta' V jew Y ta' daqs li taqbdu b'id waħda, par strippi tal-lastiku, biċċa ġilda u spag. Zokk ta' siġra ma kienx diffiċli ssib, waqt li l-lastiku kien dak tat-*tyres* ta' ġewwa tar-roti[7]. Biex tispara kont issib żrara, tpoġġija fil-ġilda, tieħu mira tiġbed il-lastiku u terħilu bis-saħħa. Il-vittmi kienu aktarx xi għasfur bi kwietu fuq siġra jew ħajt (itir fl-ajru diffiċli ħafna jintlaqat) u gremxul (l-isbaħ kien ir-raġel, jew sultan, kollu kuluri) jixxemmex bi kwietu fuq ħajt. Ta' min jgħid li ħafna drabi dan ma kienx jintlaqat u iktar kien hemm periklu li t-tfal iweġġgħu lil xulxin.

Hija ħasra kbira li dari kien hemm attitudni brutali għan-natura - il-wadaf tat-tfal u l-kaċċa kienu tant aċċettati u normali. B'xorti tajba llum hawn ħafna iktar apprezzament għan-natura.

*Xjenza.* Ix-xjenza prinċipali tal-wadaf hija l-istudju tat-tiġbid tal-lastiku, u l-moviment tal-ġebla.

Kull ħaġa materjali jekk tiġbida jew iġġebbida tbiddel il-forma, u mbagħad xħin tneħħi il-forza tipprova tiġi għall-forma ta' qabel.......anke biċċa ġebla, għalkemm f'dan il-każ b'ammonti żgħar ħafna. Huwa materjal bħal lastiku jew wajer tal-metall f'forma ta' molla li għandhom limiti ta' estensjoni għoljin ħafna.

Għaliex il-lastiku jiġġebbed? Il-lastiku huwa magħmul minn molekoli kbar, ta' eluf ta' atomi, msejħa *polymers*. Dawn ġeneralment huma f'forma tawwalija, qishom ħbula, u spiss mibrumin ġo xulxin. Meta il-lastiku jiġġebbed dawn il-*polymers* jiġġebbdu u jitwalu; meta mbaghad it-tiġbid

5. Inkluż, sfortunatament, l-awtur.
6. Varjazzjoni tal-kelma hija 'wadab', li iktar taqbel mal-verb 'waddab'. Għalina 'wadaf' kien.
7. Ġieli kont issibhom lesti, (ghal ftit soldi), flimkiem ma' biċċa ġilda, mingħand skarpan.







jieqaf, dawn jerġgħu lura għall-pożizzjoni oriġinali.

Il-fenomenu tal-estensjoni ta' molla kien studjah fid-dettall l-Ingliż Robert Hooke (1635-1703). Huwa sab li, kemm molla tiġġebbed huwa, sa ċertu punt, proporzjonalment dirett mas-saħħa tal-forza użata. Din hija l-hekk imsejħa *Hooke's Law*.[8] Ta' bniedem prattiku li kien Hooke uża din is-sejba biex għamel, fost l-oħrajn, miżien u arloġġ. Kien ukoll minn tal-ewwel li uża l-mikroskopju u ppubblika l-ktieb famuż, *Micrographia*; bena teleskopju ta' disinn ġdid u għamel studju originali tal-pjaneta Mars u l-movimenti tal-pjaneti. Imma kien daqsxejn argumentattiv u kellu l-isfortuna kbira li jħabbata ma' Isaac Newton (1643-1727). U kien Newton li, fost ħafna affarijiet oħra, għamel studju dettaljat u importanti ta' movimenti ballistiċi, inkluż bħal dak ta' ġebel mitfuħ minn wadaf.

L-istudju tal-movimenti ta' oġġetti mitfugħa kien bdieh, ftit qabel, Galileo Galilei (1564-1642), imma kien Newton li għamel l-istudju definittiv u matematiku.[9] Xi affarijiet li kkonkluda huma ovvji, bħal pereżempju li ġebla tibqa' f'postha sakemm ma tiġix mħarrka b'xi forza, imma trid tkun Newton li tirrealizza li ġebla mitfugħa tibqa' sejra għal dejjem sakemm ma hemmx xi jżommha, pereżempju l-arja. Rigward it-tfigħ ta' ġebel minn wadaf (jew balla minn kanun) Newton irrealizza li jekk titfa' ġebla bis-saħħa u fil-għoli biżżejjed, din biex tinżel, miġbuda mill-forza tal-gravità tad-dinja,[10] tieħu dawra li hija l-istess tal-kurvatura tad-dinja u allura fil-fatt qatt ma tinżel. Fi kliem ieħor tkun harġet f'orbita mad-dinja, fejn jekk ma ssib xejn xi jżommha, tibqa' ddur għal dejjem[11].

Newton kien fost l-ikbar xjentisti imma kien ukoll eċċentriku, suspettuż u ma jinsiex. Kien jaħseb li nies bħal Hooke (jew il-matematiku kontemporanju Ġermaniż Leibnitz) kienu serqulu l-ideat u qatt ma ħafrilhom. Sal-lum ma għandniex pittura awtentika ta' Hooke għax Newton, bħala president tar-*Royal Society*, neħħa kull ma seta' fuqu.

L-istorja tax-xjenza hija mimlija stejjer interessanti bħal dawn, li huma inevitabbli meta tikkunsidra l-karattru uman. L-importanti huwa li l-metodu xjentifiku ma jiddependix fuq dawn il-ftietaq.

Intant, milli jidher, il-muftieh u l-wadaf illum spiċċaw għal kollox. U fil-każ tal-wadaf tant l-aħjar.

---

8. Din ġeneralment hija waħda mill-ewwel fenomeni li tiltaqa' magħhom studenta tax-xjenza ġenerali, u hija eżempju tajjeb tal-metodu xjentifiku: agħmel osservazzjonijiet, ibni apparat, irrepeti l-esperiment ħafna drabi, (eż molol ta' daqsijiet u materjali differenti, u piżijiet differenti) iġbor kull data, u ippubblikaha biex ħaddieħor jirrepeti u jivverifika r-riżultati. M'hemm xejn awtorevoli f'Hooke. Hu nzerta li sab dan il-fenomenu; li ma kienx hu kien ikun xi ħadd ieħor.
9. Fil-proċess ivvinta fergħa ġdida ta' matematika, il-*calculus*, li imma, tipikament, żammha għalih u ppubblikaha f'matematika konvenzjonali.
10. Skoperta oħra famuża ta' Newton.
11. Kif fil-fatt jagħmlu s-satelliti li tellgħajna, il-qamar madwar id-dinja, il-pjaneti madwar ix-xemx , ix-xemx madwar il-gallassja, u l-bqija.



# Suċċess għal Intrapriża Agrikola Familjari min-Nadur

**Fl-aħħar deċennji f'Malta u Għawdex rajna żieda kbira ta' siġar taż-żebbuġ. Xi ismijiet ta' postijiet fil-gżejjer tagħna juru li fl-imgħoddi kellna produzzjoni kbira sewwa ta' żebbuġ u anke ta' żejt taż-żebbuġa.**

*Fin-Nadur għandna azjenda li tipproduċi żejt ta' kwalità għolja. Intervistajna lil GEORGE CARL CAMILLERI biex jagħtina tagħrif dwar din l-intrapriża li llum ġiet rikonoxxuta anke barra minn Malta.*

**George Carl, kif bdejtu din l-intrapriża?**
Aħna razza ta' bdiewa mir-Ramla. Għandna siġar taċ-ċitru u taż-żebbuġ. Biż-żebbuġ bdejna xi 25 sena ilu. Għall-ewwel iż-żebbuġ konna ngħadduh lil kumpanija oħra biex tagħsru u tipproċessah. Imbagħad fl-2004 bdejna nħammu biex nagħsru aħna stess. Fl-2005 xtrajna magna tal-għasir u twaqqfet il-kumpanija **Ramla Valley**.

**X'kienu l-ewwel prodotti li ffokajtu fuqhom?**
L-ewwel prodott li bdejna nipproduċu kien iż-żejt taż-żebbuġa tat-tip extra virgin.

**Għaliex jissejjaħ hekk?**
Hemm tliet kategoriji ta' żejt. Jekk iż-żejt ikun bla difetti u l-aċidità tiegħu tkun inferjuri għal 0.8% jiġi kklassifikat bħala żejt taż-żebbuġ tat-tip extra verġini (Extra virgin olive oil) li huwa żejt tal-ogħla kwalità. Jekk iż-żejt ikun mingħajr difetti iżda l-aċidità tiegħu tkun ta' anqas minn 2% hemmhekk għandek virgin olive oil. Jekk imbagħad id-difetti jkunu aktar evidenti, bħal ħmieġ fil-likwidu, u l-aċidità taqbeż it-2% iż-żejt jiġi deklassifikat bħala "lampante" **(żejt tal-lampa) u jerġa' jiġi pproċessat** sakemm jilħaq il-kwalità meħtieġa bħala żejt taż-żebbuġa – Olive Oil. Dan il-proċess jinvolvi taħlita ta' ammont perċentwali ta' Żejt taż-Żebbuġa Extra Verġini sakemm jilħaq il-grad ta' kwalità meħtieġ.

**George Carl hawn min jgħid li ż-żejt taż-żebbuġa jiġi minn dik iż-żerriegħa li wieħed isib 'l ġewwa mill-għadma. Dan huwa minnu?**
Mhux minnu. Aħna nkissru anke l-għadma taż-żebbuġa. Jingħasar kollox ma' xulxin, mal-laħma taż-żebbuġa. Fl-ewwel nofs siegħa tal-għasir jibdew jiffurmaw il-qatriet taż-żejt ma' xulxin.

**X'makkinarju jintuża waqt il-proċess tal-qtugħ u għall-għasir taż-żebbuġ?**
Nużaw makkinarju biex naqtgħu ż-żebbuġ mis-siġra. Qisu moxt jivvibra. Dan jiffaċilita l-qtugħ taż-żebbuġ u wieħed ma jdumx jaqta' bħal meta taqtgħu b'idejk. Xħin nieħdu ż-żebbuġ fil-post tal-għasir, wara li naħsluh, inneħħulu xi weraq u zkuk li jkun hemm miegħu. Imbagħad jintefa' f'conveyor screw u jingħasar.

**Veru li t-Taljani jħobbu jixorbu xi grokk żejt?**
Iva. Anke jiena stess ġieli nixorbu. Jgħidu li min jieħu mgħarfa żejt kuljum jagħmillu l-ġid. Jgħidu li jgħin lil min ikun ibati bil-marda alzheimer.

**It-tip ta' żebbuġ li jingħasar jista' jintuża wkoll biex jiġi ppreżervat fis-salmura?**
Kwalunkwe żejt jista' jintuża fis-salmura. Imma hemm żebbuġ li ma fihx hafna laħam u għalhekk huwa proprju żebbuġ tal-mejda.






**Meta ż-żebbuġa timmatura u tiswied, din tista' tingħasar?**
Idealment iż-żebbuġ għandu jingħasar meta mill-aħdar jibda jaqleb għall-vjola. Meta ż-żebbuġ jiswied wieħed jieħu ammonti ikbar ta' żejt imma l-kwalità taż-żejt tkun waħda inferjuri.

**Is-siġra taż-żebbuġ tissemma ħafna fil-Bibbja. Ġeneralment iż-żjut imqaddsa jkunu żejt taż-żebbuġa. Tħossok li din ir-rabta mas-sagru taffettwak?**
Naħseb li dal-fatt kien wieħed mill-ispirazzjonijiet li għenuni biex nidħol f'dan il-mestjier. F'Malta għandna razez taż-żebbuġ li huma tagħna. Pereżempju għandna ż-żebbuġa indiġena tal-Bidni. Din jekk tniggiżha d-dubbiena, il-bajda tad-dubbiena tmut. Imbagħad hemm ukoll il-Perla Maltese li tinsab fis-Siġġiewi. Din tagħmel żebbuġa kabbarija bajda. Inħossni li qed inkompli bil-parti tiegħi fi storja twila.

**Kif tikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħkom?**
Inbiegħu l-maġġoranża tal-prodotti tagħna lokalment. Imbagħad għandna bosta individwi li nibgħatulhom iż-żejt tagħna barra mill-gżejjer Maltin. Biex wieħed jixtri l-prodotti tagħna jista' jidħol online fuq www.ramlavalley.com. Barra minn hekk wieħed jista' jżur il-kiosk tagħna li għandna fir-Ramla. Dan qiegħed ftit metri 'l bogħod mis-sit minn fejn naħdmu li huwa proprjetà tagħna.

**X'parir tagħti lil min jitħajjar jibda jaħdem u jikkoltiva ż-żebbuġ?**
Jekk dan ix-xogħol ikun għal qalbek, timxi 'l quddiem. Illum aħna nagħmlu kunserva, għasel, jam u ġulepp tal-ħarrub. Min għandu l-forza jkun jista' jimraħ ghax in-nies tal-lum ifittxu prodotti ġenwini u li jkunu tajbin għas-saħħa.

***Nirringrazzjaw lil George Carl li għoġbu jaqsam dan it-tagħrif tassew interessanti magħna, filwaqt li nawguraw lill-familja Camilleri ħidma aktar sfieqa u aktar suċċessi li jirrikonoxxu l-kuraġġ li bih huma bdew u qed ikomplu jkabbru din l-intrapriża tagħhom, li rat il-prodotti tagħhom jattiraw mhux biss konsumaturi lokali iżda saħansitra saru wkoll magħrufa barra minn xtutna.***








PRALINES CONFECTIONERY

Accepts orders for Baptism, Holy Communion, Confirmation Parties etc.
You can also choose from a large selection of cakes, many of which can be found on our Facebook Page.

46, MADRE GEMMA CAMILLERI STREET, NADUR GOZO TEL: 21565909 MOB: 99552337

www.facebook.com/pralinesconfectionery



RABOKK PIZZA

*Snack Bar*

*Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.*

Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629

ANTHONY'S FURNITURE

Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam

Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex

EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX

American Style

Gozo Verticals, Blinds & Shades

TA' TONY CAMILLERI

Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ

Għal aktar dettalji u stima b'xejn
Ċemplu 2155 3352/2156 2211
jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

FREEWAY PLUS

- GIFT SHOP
- STATIONARY
- PHOTOCOPING
- SCANNING
- PASSPORT PHOTOS
- WOOL / KNITTING SUPPLIES

# XITA FIN-NADUR

**Joe Meilak – 01/12/2021**
**Nadur Weather Observatory**

Dan huwa l-ammont ta' xita f'millimetri li tkejlet fin-Nadur mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Novembru 2021:

**ĠUNJU u LULJU 2021:** Xejn

| **AWWISSU 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| Traċċa | | ***408.0 mm (16.06 pulzieri)*** |

| **SETTEMBRU 2021** | | **Total mill1/9/2021** |
|---|---|---|
| 4 | 2.2 | 2.2 |
| 6 | 2.2 | 4.4 |
| 9 | 4.6 | 9.0 |
| 10 | 2.6 | 11.6 |
| 11 | 4.0 | ***15.6 mm (0.61 pulzieri)*** |

***TOTAL: 15.6 mm (0.61 pulzieri)***

| **OTTUBRU 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 2 | 26.4 | 42.0 |
| 3 | 53.4 | 95.4 |
| 5 | 1.6 | 97.0 |
| 6 | 4.4 | 101.4 |
| 7 | 1.2 | 102.6 |
| 8 | 0.8 | 103.4 |
| 9 | 6.0 | 109.4 |
| 10 | 1.6 | 111.0 |
| 12 | 1.8 | 112.8 |
| 14 | 42.4 | 155.2 |
| 25 | 20.0 | 175.2 |
| 26 | 32.0 | 207.2 |
| 27 | 14.0 | 221.2 |
| 28 | 10.4 | 231.6 |
| 29 | 8.8 | 240.4 |
| 31 | 7.4 | ***247.8 mm (9.76 pulzieri)*** |

***TOTAL: 232.2 mm (9.14 pulzieri)***

| **NOVEMBRU 2021** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 1 | 12.2 | 260.0 |
| 8 | 0.2 | 260.2 |
| 9 | 3.6 | 263.8 |
| 10 | 1.0 | 264.8 |
| 11 | 111.8 | 376.6 |
| 14 | 0.2 | 376.8 |
| 15 | 0.2 | 377.0 |
| 19 | 1.2 | 378.2 |
| 22 | 4.4 | 382.6 |
| 25 | 79.0 | 461.6 |
| 26 | 0.4 | 462.0 |
| 27 | 3.4 | 465.4 |
| 28 | 22.0 | 487.4 |
| 29 | 2.2 | ***489.6 mm (19.28 pulzieri)*** |

***TOTAL: 241.8 mm (9.52 pulzieri)***

## Noti:

• Is-sajf tas-sena 2021 se jibqa' mfakkar għas-sħana qawwja u kontinwa li tana. It-temperaturi bdew jikkargaw min-nofs Mejju, u kellna l-ewwel jum b'temperatura ta' 'l fuq minn 30oC fis-17 tax-xahar. L-ewwel mewġa ta' sħana seħħet mill-20 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju, meta kellna temperaturi li qabżu t-30oC kuljum għal 15-il jum konsekuttiv, bil-massimu jintlaħaq fit-30 ta' Ġunju meta kellna temperatura ta' 39.3oC (li jiġu 102.7oF). It-tieni u l-itwal mewġa ta' sħana kienet bejn it-22 ta' Lulju u s-17 t'Awwissu, meta kellna temperaturi ta' aktar minn 30oC għal 27 jum in fila, bil-massimu tas-sħana li jkun 36.8oC (98.2oF).

• It-temp baqa' sħun sad-19 ta' Settembru meta baqgħu jintlaħqu temperaturi ta' 30oC jew aktar imma mhux fuq diversi jiem konsekuttivi. Finalment, l-ajru ffriska mis-7 t'Ottubru 'l hemm meta t-temperatura dejjem baqgħet taħt il-25oC. Minn Mejju sa Settembru kien hemm 10 ijiem meta t-temperaturi qabżu l-35oC (95oF) u 57 jum li fihom it-temperatura kienet ta' 30oC (86oF jew aktar. Dan juri kemm kienet intensa s-sħana.

• Ix-xita kienet skarsa ħafna sa Settembru. Kellna 137 jum konsekuttiv (4 xhur u nofs) li fihom ma tkejlet l-ebda xita: mill-20 t'April sat-3 ta' Settembru. Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-aħħar tal-istaġun tax-xita (31 t'Awwissu 2021) niżlu biss 86.2 mm (3.39 pulzieri). Settembru tana biss 15.6 mm (0.61 pulzieri). Tant kien hawn nixfa, li diversi siġar, inklużi bajtar tax-xewk u ħarrub, bdew imutu.

• Imbagħad infetħu bwieb is-sema minn Ottubru 'l hemm. Kemm Ottubru kif ukoll Novembru tawna iktar minn 230 mm (9.06 pulzieri) kull wieħed, xi ħaġa li hi eċċezzjonali. Sal-aħħar ta' Novembru konna diġà qbiżna x-xita kollha li niżlet fl-istaġun tax-xita li għadda (1 ta' Settembru 2020 sal-31 t'Awwissu 2021) meta niżlu biss 408.0 mm (16.06 pulzieri). B'hekk jidher li wara diversi snin ta' nuqqas ta' xita, din is-sena se jkollna ammont ta' xita iktar min-normal.

• Avveniment eċċezzjonali ta' xita qawwija seħħ bejn il-5.30am u s-6.30 tal-11 ta' Novembru, meta f'temp ta' madwar siegħa niżlu 111.8 mm (4.40 pulzieri). Din il-maltempata b'beraq u ragħad kontinwi ħakmet l-iktar il-parti tal-Lvant t'Għawdex u għamlet diversi ħsarat, b'ammont kbir ta' ħitan tas-sejjieħ li waqgħu.

• Maltempata qawwija oħra seħħet fil-25 ta' Novembru meta niżlu 79.0 mm (3.11 pulzieri) imma fuq perjodu ta' madwar 5 sigħat.

• Kien hemm 6 ijiem b'kollox matul Ottubru u Novembru li fihom għamlet iktar minn pulzier xita (25.4 mm).



NAWGURAW
*il-Milied it-Tajjeb*
U SENA MIMLIJA BARKA
**lin-Nadurin Kollha**